Il-Kummissjoni Ewropea



# Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Ħela tal-Ikel

## Rapport Finali

#FoodWasteEU

PANEL TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ DWAR IL-ĦELA TAL-IKEL

Il-manuskritt tlesta f'Lulju 2023

Dan id-dokument ma jistax jitqies li jikkostitwixxi pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

© L-Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39). Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Ir-ritratti kollha © L-Unjoni Ewropea.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-68-06501-3 | doi:10.2775/002618 | NA-09-23-364-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-68-06465-8 | doi:10.2775/144512 | NA-09-23-364-MT-N |

# WERREJ

**1. Introduzzjoni** .......... **2**

**2. Karatteristiċi ewlenin tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Ħela tal-Ikel** .......... **5**

2.1. Għażla aleatorja u kompożizzjoni demografika tal-panel .......... 6

2.2. Kumitat ta' Tmexxija .......... 10

2.3. Kumitat tal-Għarfien .......... 11

2.4. Ċentru tal-Għarfien u l-Informazzjoni .......... 12

2.5. Kelliema .......... 12

2.6. Moderaturi Ewlenin .......... 14

2.7. Faċilitaturi .......... 14

2.8. Osservaturi .......... 15

**3. Qafas metodoloġiku u sessjonijiet individwali** .......... **16**

3.1. Qafas metodoloġiku .......... 17

3.2. Sessjoni 1: Proċess u eżiti .......... 18

3.3. Sessjoni 2: Proċess u eżiti .......... 23

3.4. Sessjoni 3: Proċess u eżiti .......... 27

**4. Il-passi li jmiss** .......... **34**

**Anness: Ir-rakkomandazzjonijiet kollha** .......... **37**

Blokka tematika I — Kooperazzjoni fil-katina tal-valur tal-ikel: Mill-għalqa sal-platt .......... 38

Blokka tematika II — Inizjattivi fin-negozju tal-ikel .......... 43

Blokka tematika III — Appoġġ għall-bidla fl-imġiba tal-konsumatur .......... 47



# 1. Introduzzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea organizzat tliet Panels taċ-Ċittadini Ewropej fl-2023, li wieħed minnhom kien jirrigwarda t-tema tal-ħela tal-ikel. Kull wieħed mill-panels laqqa' flimkien sa 150 ċittadin magħżula b'mod aleatorju mis-27 Stat Membru kollha tal-UE biex jiddeliberaw u jagħmlu rakkomandazzjonijiet qabel il-proposti ewlenin tal-Kummissjoni. Il-Panels iwettqu l-impenn espress mill-Komunikazzjoni tas-17 ta' Ġunju 2022 "Konferenza dwar il-futur tal-Ewropa: Naqilbu l-Viżjoni f'Azzjoni Konkreta" ([1]) u mill-President von der Leyen fid-diskors tagħha tal-2022 dwar l-Istat tal-Unjoni. Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Ħela tal-Ikel kien l-ewwel panel li kellu jsir, bi tliet sessjonijiet bejn is-16 u t-18 ta' Diċembru 2022, l-20 u t-22 ta' Jannar, u l-10 u t-12 ta' Frar 2023.

It-tnaqqis tal-ħela tal-ikel irid iseħħ fuq skala akbar u b'pass aktar mgħaġġel jekk l-UE u l-Istati Membri tagħha jridu jwettqu l-impenn tagħhom lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti ([2]). Dan huwa kruċjali mhux biss fid-dawl ta' popolazzjoni dinjija li qed tikber u l-isfidi li dan joħloq għas-sigurtà tal-ikel, iżda wkoll biex jittaffew l-impatti ambjentali u klimatiċi tas-sistema tal-ikel tagħna. Minħabba li rrikonoxxiet l-importanza tat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel fl-Ewropa, l-UE integrat dan l-għan fl-"Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt" tagħha tal-2020 għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u li tirrispetta l-ambjent. F'konformità ma' din l-istrateġija, fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni adottat proposta ([3]) leġiżlattiva li tistabbilixxi miri legalment vinkolanti għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri sa tmiem l-2030. Dawn se jistiednu lill-Istati Membri kollha tal-UE biex jieħdu azzjoni ambizzjuża lejn it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel fit-territorji rispettivi tagħhom.

Peress li l-unitajiet domestiċi huma responsabbli għal aktar minn nofs l-iskart tal-ikel iġġenerat fl-UE, iċ-ċittadini jistgħu jkunu atturi essenzjali fl-indirizzar tal-kwistjoni. It-teħid ta' azzjoni biex titnaqqas il-ħela tal-ikel huwa meħtieġ fil-livelli kollha tal-katina tal-provvista tal-ikel – mill-produzzjoni primarja u mill-manifattura tal-prodotti tal-ikel sal-bejgħ bl-imnut, is-servizzi tal-ikel u l-konsum – iżda l-ammonti għoljin iġġenerati fil-livell tal-konsum jenfasizzaw ir-rilevanza tal-għarfien u r-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini. F'dan il-kuntest, il-parteċipanti f'dan l-ewwel Panel taċ-Ċittadini Ewropej ġew mistiedna jfasslu lista ta' rakkomandazzjonijiet dwar kif tista' titħaffef l-azzjoni biex titnaqqas il-ħela tal-ikel fl-UE. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet imbagħad jikkontribwixxu għall-programm ta' ħidma ġenerali tal-Kummissjoni relatat mal-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel u jiġu kkunsidrati fit-tħejjija tal-proposta leġiżlattiva li jmiss. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-panel huma mistennija wkoll li jservu bħala gwida biex jgħinu lill-Istati Membri tal-UE jilħqu l-miri għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel stabbiliti fid-Direttiva Qafas riveduta dwar l-Iskart sal-2030.

Il-Panel semma' l-fehmiet taċ-ċittadini dwar azzjonijiet li jenħtieġ li jittieħdu mill-Istati Membri tal-UE, mill-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel, miċ-ċittadini, u minn partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi oħra sabiex jitħaffef it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel u jintlaħqu l-miri li għandhom jiġu stabbiliti fil-livell tal-UE. Abbażi tal-materjali ta' informazzjoni, tal-inputs tal-esperti, kif ukoll tad-dibattiti fil-gruppi ta' ħidma u fil-plenarja, il-parteċipanti fil-Panel taċ-Ċittadini dwar il-Ħela tal-Ikel identifikaw u taw prijorità kwistjonijiet rilevanti għall-proposta ta' politika l-ġdida tal-Kummissjoni. Il-kontributi u l-eżiti tal-Panel huma miġbura fil-qosor f'dan ir-rapport, inkluż fl-anness tiegħu. Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor il-karatteristiċi ewlenin tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Ħela tal-Ikel, u jistabbilixxi l-qafas metodoloġiku tiegħu, il-mod kif id-dibattiti ġew iffaċilitati, l-eżiti tat-tliet sessjonijiet kif ukoll il-passi li jmiss.

([1]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa — Naqilbu l-Viżjoni f'Azzjoni Konkreta (COM/2022/404 final) (EUR-Lex - 52022DC0404 - MT - EUR-Lex (europa.eu))

([2]) Il-mira tal-SDG 12.3 titlob li l-ħela tal-ikel globali per capita titnaqqas bin-nofs fil-livell tal-bejgħ bl-imnut u tal-konsumatur sal-2030, u t-tnaqqis tat-telf tal-ikel tul il-katina tal-provvista tal-ikel.

([3]) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (COM(2023) 420 final) (EUR-Lex - 52023PC0420 - MT - EUR-Lex (europa.eu)).


10/02/23 - 16:00
Topic block 2:
Topic block 3:
Alcide de Gasperi room (Groups 1-4)
Jenkins room (Groups 5-8)




# 2. Karatteristiċi ewlenin tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Ħela tal-Ikel

## 2.1. GĦAŻLA ALEATORJA U KOMPOŻIZZJONI DEMOGRAFIKA TAL-PANEL

Il-parteċipanti fil-Panel taċ-Ċittadini ġew reklutati permezz ta' għażla aleatorja peress li dan huwa approċċ ġust, konsistenti u affidabbli għall-għażla tal-individwi għal proċessi parteċipattivi bħal dawn. Għażla aleatorja u applikata kif suppost tista' żżid id-diversità u r-rappreżentattività. Ir-reklutaġġ twettaq minn *Kantar Public* bl-appoġġ ta' 27 aġenzija nazzjonali ta' reklutaġġ. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, il-parteċipanti ġew reklutati bit-telefown (intervistar bit-telefown assistit minn kompjuter), bl-użu ta' Telefonati Diġitali Aleatorji (Random Digital Dialling – RDD). Madankollu, f'xi pajjiżi oħra, intużaw metodi wiċċ imb wiċċ (intervistar personali assistit minn kompjuter) jew għażla aleatorja minn panel online probabilistiku (il-Lussemburgu biss). Ir-rata medja ta' aċċettazzjoni madwar l-UE kienet 4.5 %, b'xi differenzi bejn il-pajjiżi.

It-Tabella 1 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn in-numru mixtieq ta' membri tal-panel taċ-ċittadini madwar l-Istati Membri tal-UE (kwoti tal-pajjiżi), kif ukoll in-numru effettiv ta' parteċipanti għal kull sessjoni għal kull pajjiż. L-għan kien li jintlaħaq livell ta' rappreżentanza tal-Istati Membri tal-UE li huwa proporzjonali għad-daqs tal-popolazzjoni tagħhom, ibbilanċjat b'minimu ta' żewġ ċittadini għal kull pajjiż [4]. Fi kliem ieħor, ġew stabbiliti miri għoljin għal pajjiżi b'popolazzjoni kbira, bħall-Ġermanja (19-il ċittadin), filwaqt li ġew mistiedna żewġ ċittadini minn Malta u l-Lussemburgu rispettivament. Inġenerali, kien hemm livell tajjeb ta' attendenza li rriflettiet b'mod wiesa' l-miri stabbiliti. Għal 23 mis-27 Stat Membru tal-UE, il-miri ta' parteċipazzjoni ntlaħqu. B'mod ġenerali, mill-150 parteċipant fil-mira, 148 ċittadin ħadu sehem f'mill-inqas waħda mis-sessjonijiet.

[4] Il-kwoti tal-pajjiżi ġew iġġenerati permezz ta' sistema ta' proporzjonalità digressiva, li tintuża wkoll biex jiġi kkalkolat in-numru ta' siġġijiet għal kull Stat Membru fil-Parlament Ewropew.

**Tabella 1: Parteċipanti fil-panel għal kull Stat Membru**

| PAJJIŻ | PARTEĊIPANTI FIL-MIRA | PARTEĊIPANTI EFFETTIVI | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Sessjoni 1 | Sessjoni 2 | Sessjoni 3 |
| L-Awstrija | 5 | 4 | 5 | 4 |
| Il-Belġju | 4 | 4 | 4 | 4 |
| Il-Bulgarija | 5 | 5 | 5 | 5 |
| Iċ-Ċekja | 3 | 3 | 3 | 3 |
| Ċipru | 19 | 17 | 18 | 16 |
| Id-Danimarka | 2 | 2 | 2 | 2 |
| L-Estonja | 3 | 3 | 3 | 3 |
| Il-Finlandja | 5 | 5 | 5 | 5 |
| Franza | 12 | 12 | 13 | 13 |
| Il-Ġermanja | 15 | 16 | 16 | 16 |
| Il-Greċja | 2 | 2 | 2 | 2 |
| L-Irlanda | 15 | 13 | 13 | 12 |
| L-Italja | 2 | 2 | 2 | 2 |
| L-Iżvezja | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Il-Kroazja | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Il-Latvja | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Il-Litwanja | 5 | 2 | 2 | 2 |
| Il-Lussemburgu | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Malta | 6 | 6 | 6 | 6 |
| In-Netherlands | 4 | 4 | 4 | 4 |
| Il-Polonja | 10 | 10 | 12 | 11 |
| Il-Portugall | 5 | 5 | 5 | 5 |
| Ir-Rumanija | 7 | 7 | 7 | 7 |
| Is-Slovakkja | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Is-Slovenja | 3 | 3 | 3 | 3 |
| Spanja | 3 | 3 | 3 | 3 |
| L-Ungerija | 5 | 4 | 4 | 4 |
| **TOTAL** | **150** | **142** | **147** | **142** |

Sabiex jiġi żgurat li l-Panel jirrifletti d-diversità tal-popolazzjoni tal-UE bl-aħjar mod possibbli, il-kwoti fil-mira għall-parteċipanti ġew iddefiniti skont il-karatteristiċi soċjodemografiċi ppreżentati fl-Illustrazzjoni 1 (il-proporzjonijiet effettivi tal-parteċipanti jirreferu għall-148 ċittadin li attendew mill-inqas waħda mis-sessjonijiet). Eċċezzjoni waħda kienet l-għażla li ż-żgħażagħ jiġu rrappreżentati iktar billi terz tal-panel jiġi rreklutat mill-grupp tal-età ta' bejn is-16 u l-25 sena anke jekk dan il-grupp jirrappreżenta inqas minn 33 % tal-popolazzjoni Ewropea ([5]).

## Illustrazzjoni 1: Distribuzzjoni tal-parteċipanti skont il-ġeneru, l-età, ir-reżidenza u l-livell tal-edukazzjoni







([5]) Skont id-*data* tal-Eurostat għall-2022, dan il-grupp ta' età jirrappreżenta 10.6 % tal-popolazzjoni tal-UE (https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/TPS00010/default/table?lang=en&category=demo. demo_ind).

### Distribuzzjoni tal-parteċipanti skont ir-reżidenza tagħhom




### Distribuzzjoni tal-parteċipanti skont il-livell ta' edukazzjoni tagħhom



## 2.2. KUMITAT TA' TMEXXIJA

Il-Kumitat ta' Tmexxija fassal, organizza, u mexxa l-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Ħela tal-Ikel. Dan iltaqa' darba fil-ġimgħa biex jiddeċiedi dwar kwistjonijiet kunċettwali u organizzattivi, inklużi kwistjonijiet relatati mal-metodoloġija, mal-loġistika u mal-baġit. Il-kumitat kien magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u kuntratturi. Min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea, żewġ Direttorati Ġenerali (DĠ) ikkontribwew għall-ħidma tal-Kumitat ta' Tmexxija: id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari), responsabbli għal inizjattivi relatati mal-ħela tal-ikel inkluż it-tħejjija tal-proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi miri għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri, u d-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (DĠ Komunikazzjoni), inkarigat mill-fażi l-ġdida tal-involviment taċ-ċittadini u b'mod aktar partikolari responsabbli għall-metodoloġija u l-organizzazzjoni tal-Panels taċ-Ċittadini Ewropej.

Il-kuntratturi ħadmu flimkien biex ifasslu u jimplimentaw din il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' Panels taċ-Ċittadini Ewropej. Ir-reklutaġġ taċ-ċittadini sar minn *Kantar Public*. *VO Europe* u *MCI* kienu responsabbli mill-komunikazzjoni u l-assitenza għaċ-ċittadini, kif ukoll għall-aspetti organizzattivi kollha tat-tliet sessjonijiet. Barra minn hekk, Tim ta' Deliberazzjoni internazzjonali magħmul minn *ifok* (il-Ġermanja), *Missions Publiques* (Franza), id-*Danish Board of Technology Foundation* (id-Danimarka), u *deliberativa* (Spanja) laqqa' flimkien esperti biex ifasslu u jiffaċilitaw il-proċess ta' deliberazzjoni. Is-sħab tat-Tim ta' Deliberazzjoni ġabru l-għarfien tagħhom biex jinkonċepixxu l-proċess parteċipattiv ġenerali u l-metodoloġija għal kull sessjoni, flimkien mad-DĠ Komunikazzjoni. It-Tim ta' Deliberazzjoni kien responsabbli għall-abbozzar ta' Nota ta' kunċett, li tiddeskrivi l-mandat tal-panel, flimkien mad-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari u d-DĠ Komunikazzjoni u għall-istabbiliment ta' Kumitat tal-Għarfien konsultattiv. Barra minn hekk, bl-appoġġ tad-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari u tal-Kumitat tal-Għarfien, huwa rrekluta u informa lil kelliema li għenu liċ-ċittadini jifhmu l-kwistjoni fil-kumplessità tagħha, u jindirizzaw il-mistoqsijiet taċ-ċittadini matul it-tliet sessjonijiet. Huwa kkoordina wkoll il-komunikazzjoni maċ-ċittadini kif ukoll it-tim ta' appoġġ fuq il-post, mexxa l-moderazzjoni ewlenija u l-faċilitazzjoni tal-ħidma tal-grupp, u ssorvelja r-rapportar dwar ir-riżultati.






## 2.3. KUMITAT TAL-GĦARFIEN

L-involviment ta' Kumitat tal-Għarfien magħmul minn esperti fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel tejjeb l-integrità tal-proċess deliberattiv billi żgura l-kwalità, l-oġġettività, id-diversità u l-komprensibbiltà tal-informazzjoni pprovduta liċ-ċittadini. Ir-rwol tal-Kumitat tal-Għarfien kien li jipproduċi u jipprovdi tagħrif u għarfien espert biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-parteċipanti kollha u jiffaċilita d-diskussjonijiet bejniethom. Dan sar, fost l-oħrajn, permezz tal-abbozzar ta' kit ta' informazzjoni distribwit liċ-ċittadini qabel l-ewwel sessjoni. Il-kontribut fattwali tal-politika ġie elaborat f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kumitat ta' Tmexxija.

Il-Kumitat tal-Għarfien għen ukoll lit-Tim ta' Deliberazzjoni biex jidentifika sinjali dgħajfa (eż., nuqqas ta' dibattitu) u punti ta' tfixkil fi ħdan id-deliberazzjonijiet taċ-ċittadini (pereżempju, il-possibbiltà ta' trikkib bejn l-ideat u inizjattivi diġà eżistenti tal-UE u/jew oqsma fejn l-azzjoni proposta ma kinitx neċessarjament appoġġata minn evidenza). Dan kien involut ukoll fil-verifika tal-fatti u wieġeb il-mistoqsijiet taċ-ċittadini matul u wara s-sessjonijiet, appoġġat minn Ċentru ta' Għarfien u Informazzjoni (KIC), li kien jinvolvi wkoll esperti oħra mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kumitat tal-Għarfien appoġġa lit-Tim ta' Deliberazzjoni fl-isforz tiegħu biex jgħaqqad l-eżiti taċ-ċittadini f'kategoriji ewlenin ta' azzjoni, infurmat bl-għarfien u l-esperjenza tiegħu dwar il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel.

Il-Kumitat tal-Għarfien kien magħmul minn ħames membri magħżula mill-Kumitat ta' Tmexxija, abbażi tal-kriterji li ġejjin: għarfien espert li jkopri varjetà wiesgħa ta' oqsma ta' għarfien; rikonoxximent wiesa' tal-għarfien u l-esperjenza tagħhom fil-qasam, kemm fost il-partijiet ikkonċernati kif ukoll fost il-pari; il-kapaċità li jifhmu, jirrikonoxxu u jikkomunikaw fehmiet differenti dwar it-tema, inklużi kompromessi possibbli; id-diversità f'termini ta' ġeneru, nazzjonalità, u affiljazzjoni. Barra minn hekk, rappreżentant tad-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari, ġab għarfien dwar il-politika tal-UE.

Il-membri tal-Kumitat tal-Għarfien kienu:

- Laura Fernández Celemín, mill-Kunsill Ewropew għall-Informazzjoni dwar l-Ikel;
- Betty Chang, mill-Kunsill Ewropew għall-Informazzjoni dwar l-Ikel;
- Anne-Laure Gassin, mill-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari;
- Gyula Kasza, mill-Università tal-Mediċina Veterinarja, Budapest;
- Maïwenn L'Hoir, mill-Ministeru għall-Agrikoltura, għall-Agroalimentazzjoni u għall-Forestrija, Franza;
- Toine Timmermans, mill-Wageningen University & Research, in-Netherlands.

## 2.4. ĊENTRU TAL-GĦARFIEN U L-INFORMAZZJONI

Ġie stabbilit Ċentru ta' Għarfien u Informazzjoni (KIC) biex iwieġeb għall-mistoqsijiet u t-talbiet għal kjarifika mibgħuta miċ-ċittadini matul id-deliberazzjonijiet tagħhom. Il-KIC kien jinkludi esperti mid-DĠ Komunikazzjoni, mid-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari u esperti minn DĠ oħra tal-Kummissjoni li ntalbu jipprovdu tweġibiet dwar l-oqsma ta' politika rispettivi tagħhom, kif ukoll minn membri tal-Kumitat tal-Għarfien. Matul it-tliet sessjonijiet tal-Panel taċ-Ċittadini dwar il-Ħela tal-Ikel, il-KIC ta tweġibiet bil-miktub għal aktar minn 100 mistoqsija mqajma miċ-ċittadini. Fit-tielet sessjoni, il-membri tal-KIC għamlu interventi qosra fit-12-il grupp ta' ħidma biex jiċċaraw kwalunkwe kwistjoni li seta' kien fadal qabel ma ċ-ċittadini fformolaw ir-rakkomandazzjonijiet finali tagħhom.

## 2.5. KELLIEMA

Minbarra l-membri tal-Kumitat tal-Għarfien, diversi partijiet ikkonċernati u esperti ġew mistiedna jippreżentaw pożizzjonijiet u esperjenzi differenti fir-rigward tat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel u jwieġbu l-mistoqsijiet taċ-ċittadini. Il-kelliema ppreżentaw eżempji ta' azzjonijiet effettivi biex titnaqqas il-ħela tal-ikel u stabbilew liema atturi jeħtieġ li jkunu involuti. Huma pprovdew informazzjoni dwar l-impatti tal-miżuri għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel fuq l-ambjent, l-ekonomija u s-soċjetà. Huma ddiskutew ukoll dwar l-importanza li jiġu involuti diversi atturi biex isseħħ il-bidla, u l-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu biex jiġu minimizzati l-effetti negattivi possibbli (eż., il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel ma għandhiex iddgħajjef is-sikurezza tal-ikel). Il-Kumitat tal-Għarfien żgura li l-informazzjoni ppreżentata liċ-ċittadini kienet ibbilanċjata, adegwata u rappreżentattiva biżżejjed tal-pożizzjonijiet ewlenin ta' dawk li jfasslu l-politika u tal-partijiet ikkonċernati fl-UE. Tabella 2 telenka l-kelliema li taw sehemhom matul is-sessjonijiet.



## Tabella 2: Il-kelliema

| SESSJONI 1 | |
|---|---|
| **Kummenti ta' merħba** | **Dubravka Šuica**, *Viċi President għad-Demokrazija u d-Demografija, il-Kummissjoni Ewropea* |
| | **Stella Kyriakides**, *Kummissarju għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, il-Kummissjoni Ewropea* |
| | **Pia Ahrenkilde Hansen**, *Direttur Ġenerali, Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea* |
| **L-esperti tal-Kummissjoni Ewropea** | **Gaëtane Ricard-Nihoul**, *Deputat Kap tal-Unità dwar id-Djalogu maċ-Ċittadini, id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea* |
| | **Anne-Laure Gassin**, *Kap tat-Tim tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, il-Kummissjoni Ewropea* |
| **Esperti u prattikanti esterni** | **Toine Timmermans**, *Maniġer tal-Programm tal-Katini Alimentari Sostenibbli tal-Università ta' Wageningen* |
| | **Victor De Meester**, *Koordinatur tal-Ambjent fi ħdan il-Grupp Colruyt* |
| | **Betty Chang**, *Kap tal-Qasam tar-Riċerka tal-Kunsill Ewropew għall-Informazzjoni dwar l-Ikel* |
| | **Thomas Candéal**, *Maniġer tal-Proġett tal-Koalizzjoni Internazzjonali kontra l-Ħela tal-Ikel* |
| | **Maïwenn L´Hoir**, *Maniġer tal-Proġett għall-ġlieda kontra l-ħela tal-ikel u l-insigurtà tal-ikel – ikel sostenibbli, il-Ministeru għall-Agrikoltura u s-Sovranità tal-Ikel, Franza* |
| | **Gyula Kasza**, *Koordinatur ta' Maradék Nélkül (Proġett "Wasteless"), il-programm nazzjonali dwar il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel tal-Ungerija; Professur Assoċjat fl-Università tal-Mediċina Veterinarja tal-Ungerija* |
| | **Bruno Menne**, *Konsulent Għoli dwar il-Politika għas-sikurezza alimentari, l-informazzjoni għall-konsumatur, in-nutrizzjoni u l-għalf tal-annimali, l-assigurazzjoni tal-kwalità f'COPA COGECA* |
| | **Angela Frigo**, *Segretarja Ġenerali tal-Federazzjoni Ewropea tal-Banek tal-Ikel* |
| **Kummenti tal-għeluq** | **Richard Kühnel**, *Direttur, Rappreżentanza u Komunikazzjoni fl-Istati Membri, Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea* |
| **SESSJONI 2** | |
| **Kummenti ta' merħba** | **Anne-Laure Gassin**, *Kap tat-Tim tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, il-Kummissjoni Ewropea* |
| **Blokka tematika I:** "Kooperazzjoni fil-katina tal-valur tal-ikel: Mill-għalqa sal-platt" | **Toine Timmermans**, *Maniġer tal-Programm tal-Katini Alimentari Sostenibbli tal-Università ta' Wageningen* |
| | **Dorothée Briaumont**, *Direttur Eżekuttiv, SOLAAL* |
| | **Francisca Feiteira**, *Uffiċjal tal-Politika dwar l-Ikel, Slow Food* |
| | **Fabien Santini**, *Deputat Kap tal-Unità – Governanza tas-swieq agroalimentari, id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, il-Kummissjoni Ewropea* |
| **Blokka tematika II:** "Inizjattivi tan-negozju tal-ikel" | **Ahmed Soliman**, *Direttur tal-Kwalità fid-Disinn, Danone* |
| | **Marine Thizon**, *Maniġer tal-Affarijiet Pubbliċi, HOTREC* |
| | **Fabrizio Fabbri**, *Maniġer għas-Sostenibbiltà u l-Ikel, Euro Coop* |
| | **Eduardo Montero Mansilla**, *Uffiċjal għall-Ikel, La Federación de Consumidores y Usuarios CECU* |
| **Blokka tematika III:** "Appoġġ għall-bidla fl-imġiba tal-konsumatur" | **Erica van Herpen**, *Professur Assoċjat fil-Grupp ta' Mġiba għall-Kummerċjalizzazzjoni u l-Konsumaturi fl-Università ta' Wageningen* |
| | **Odile Le Bolloch**, *Xjenzjata Ambjentali, Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent, l-Irlanda* |
| | **João Toledo**, *Espert Nazzjonali fl-Organizzazzjoni għall-Produzzjoni Agroalimentari, il-Ministeru tal-Agrikoltura, il-Portugall* |

| SESSJONI 3 | |
|---|---|
| **Temi trasversali** | **Toine Timmermans**, *Maniġer tal-Programm tal-Katini Alimentari Sostenibbli tal-Università ta' Wageningen* |
| | **Anja De Cunto**, *Kap tat-Tim għall-Ikel f'EUROCITIES* |
| | **Maïwenn L´Hoir**, *Maniġer tal-Proġett għall-ġlieda kontra l-ħela tal-ikel u l-insigurtà tal-ikel – ikel sostenibbli, il-Ministeru għall-Agrikoltura u s-Sovranità tal-Ikel, Franza* |
| **Blokka tematika I:** "Kooperazzjoni fil-katina tal-valur tal-ikel: Mill-għalqa sal-platt" | **Angela Frigo**, *Segretarja Ġenerali, il-Federazzjoni Ewropea tal-Banek tal-Ikel (FEBA)* |
| | **Eva Sali**, *Konsulenta tal-Politika, is-Sikurezza tal-ikel, Copa Cogeca* |
| | **Luc Lignon**, *Direttur tad-Dipartiment tal-Politika Alimentari, il-Belt ta' Montpellier, Franza* |
| **Blokka tematika II:** "Inizjattivi tan-negozju tal-ikel" | **Els Bedert**, *Direttur tal-Politika dwar il-Prodotti u s-Sostenibbiltà f'EuroCommerce* |
| | **Timothy John Hobley**, *Professur Assoċjat, l-Università Teknika tad-Danimarka, l-Istitut Nazzjonali tal-Ikel* |
| | **Minna Huttunen**, *Konsulenta Ministerjali fil-Ministeru għall-Agrikoltura u l-Forestrija, il-Finlandja* |
| **Blokka tematika III:** "Appoġġ għall-bidla fl-imġiba tal-konsumatur" | **Gyula Kasza,** *Koordinatur ta' Maradék Nélkül (Proġett bla skart), il-programm ta' prevenzjoni tal-ħela tal-ikel tal-Ungerija; Professur Assoċjat fl-Università tal-Mediċina Veterinarja tal-Ungerija* |
| | **Camille Perrin**, *Uffiċjal Anzjan tal-Politika tal-Ikel fl-Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi (BEUC)* |
| | **Marjolijn Schrijnen**, *Maniġer Prinċipali tal-Proġett, iċ-Ċentru tan-Nutrizzjoni tan-Netherlands* |
| **Kummenti tal-għeluq** | **Colin Scicluna**, *Kap tal-Kabinett tal-Viċi President għad-Demokrazija u d-Demografija, il-Kummissjoni Ewropea* |
| | **Sandra Gallina**, *Direttur Ġenerali, Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u Sikurezza Alimentari* |
| | **Pia Ahrenkilde Hansen**, *Direttur Ġenerali, Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea* |

## 2.6. MODERATURI EWLENIN

Żewġ moderaturi ewlenin iggwidaw liċ-ċittadini matul it-tliet sessjonijiet u mexxew id-diskussjonijiet fil-plenarja. Huma pprovdew informazzjoni dwar l-għan ġenerali tal-Panel u l-metodoloġija tas-sessjonijiet individwali kif ukoll dwar l-aspetti organizzattivi. Il-moderaturi ewlenin iffaċilitaw ukoll id-dibattiti bejn il-kelliema esperti, żguraw li l-għarfien jiġi pprovdut b'mod ġust u imparzjali waqt id-diskussjonijiet, u ffaċilitaw il-mistoqsijiet u t-tweġibiet bejn l-esperti u ċ-ċittadini kif ukoll l-interazzjoni bejn il-moderaturi u ċ-ċittadini dwar il-kontenut u l-proċess. Barra minn hekk, il-moderaturi ewlenin ġabru r-riżultati kollha fil-plenarji finali ta' kull sessjoni. Il-moderaturi ewlenin kienu:

- Jacob Birkenhäger (*ifok*)
- Kathrine Collin Hagan (*Bord Daniż tal-Fondazzjoni tat-Teknoloġija*)

## 2.7. FAĊILITATURI

Iċ-ċittadini ħadmu fi 12-il grupp ta' ħidma, kull wieħed minnhom iffaċilitat u assistit minn żewġ membri mit-Tim ta' Deliberazzjoni: faċilitatur b'esperjenza u assistent wieħed. Il-kompitu tal-faċilitaturi kien li jmexxu d-diskussjonijiet fis-sessjonijiet tal-gruppi ta' ħidma u jippermettu fluss tax-xogħol bla xkiel billi:

- jistabbilixxu atmosfera amikevoli u b'rispett reċiproku biex jippromwovu kontribuzzjoni bblinaċjata mill-parteċipanti kollha;
- jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jiġu infurmati dwar il-proċess ġenerali u jiggwidaw liċ-ċittadini fil-ħidma tal-grupp;
- jiżguraw li jintlaħqu l-objettivi tas-sessjonijiet tal-gruppi ta' ħidma, jiġifieri, jiffaċilitaw l-identifikazzjoni ta' kunflitti u ta' nuqqas ta' qbil bejn iċ-ċittadini, jippromwovu l-ħolqien ta' dibattitu u kunsens bejn iċ-ċittadini;

- iżommu l-ħin, jieħdu noti u jikkonsolidaw l-eżitu tad-deliberazzjoni f'dokumenti ta' ħidma multilingwi u interkonnessi;
- jgħaddu t-talbiet magħmula miċ-ċittadini fil-gruppi ta' ħidma lit-tim ta' appoġġ jew lill-esperti, eż., billi jiġbru kummenti jew mistoqsijiet pendenti;
- jipparteċipaw f'sessjonijiet ta' informazzjoni mat-Tim ta' Deliberazzjoni.

Il-faċilitaturi b'esperjenza u professjonali kienu impjegati minn *ifok*, *Missions Publiques* jew *mill-Bord Daniż tal-Fondazzjoni tat-Teknoloġija*. Waqt id-diskussjonijiet fil-gruppi ta' ħidma, dawn kienu appoġġati minn assistenti ta' faċilitazzjoni, fil-parti l-kbira studenti u trainees ibbażati fi Brussell. Il-faċilitaturi u l-assistenti kollha segwew struzzjonijiet komuni pprovduti fi gwida ta' faċilitazzjoni u dokument ta' implimentazzjoni (wieħed għal kull sessjoni). Huma kienu involuti f'żewġ laqgħat apposta ta' informazzjoni u taħriġ qabel kull sessjoni.

## 2.8. OSSERVATURI

Għadd limitat ta' osservaturi tħallew isegwu l-ħidma ta' dan il-Panel taċ-Ċittadini. L-għan kien li jiġu pprovduti trasparenza u viżibbiltà għal dan il-format demokratiku innovattiv filwaqt li jiġi ppreservat spazju sikur għaċ-ċittadini parteċipanti, li huwa kruċjali għal ambjent ta' dibattitu affidabbli. L-osservaturi setgħu jattendu u jsegwu d-diskussjonijiet fis-sessjonijiet plenarji u fil-gruppi ta' ħidma. In-numru massimu ta' osservaturi permess għal kull grupp ta' ħidma kien tlieta.

L-osservaturi interni kienu ġejjin ukoll mis-sħab u l-istituzzjonijiet organizzattivi (eż., persunal intern mid-DĠ Komunikazzjoni, mid-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari jew minn DĠ oħrajn u istituzzjonijiet tal-UE). L-osservaturi esterni kienu jinkludu riċerkaturi (minn universitajiet jew minn gruppi ta' riflessjoni), atturi tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra. Bil-kunsens taċ-ċittadini kkonċernati, l-osservaturi esterni setgħu jagħmlu jintervistawhom għal finijiet ta' riċerka biss, u sakemm ma jfixklux il-proċedimenti tal-panels.





# 3. Qafas metodoloġiku u sessjonijiet individwali

## 3.1. QAFAS METODOLOĠIKU

Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Ħela tal-Ikel kien jikkonsisti fi tliet sessjonijiet b'għanijiet differenti:

- Fl-ewwel sessjoni (fuq il-post fi Brussell), il-parteċipanti ngħataw introduzzjoni dwar il-kwistjoni attwali, kellhom l-opportunità lil jsiru jafu lil xulxin u jibnu sens ta' komunità u fiduċja fosthom. Huma rċevew kontributi esperti inizjali u mbagħad ġew mitluba jiġbru u jipprijoritizzaw l-approċċi li sabu promettenti fl-indirizzar tal-problema tal-ħela tal-ikel.
- It-tieni sessjoni kienet sessjoni online u ffukat fuq fehim aktar profond tal-kwistjoni. L-għan ewlieni tas-sessjoni kien li tħeġġeġ l-iskambju ta' ideat u perspettivi fost il-parteċipanti, tidentifika oqsma ta' kunsens u nuqqas ta' qbil, u li tifformola l-ewwel ideat għal rakkomandazzjonijiet fi tliet blokok tematiċi separati.
- It-tielet u l-aħħar sessjoni (fuq il-post fi Brussell) kienet iddedikata għat-tfassil tar-rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-ideat u l-għarfien miksuba fl-ewwel żewġ sessjonijiet, u kienet appoġġata minn aktar kontributi ta' esperti. It-tielet sessjoni żgurat li l-Panel taċ-Ċittadini jipproduċi rakkomandazzjonijiet konkreti li jistgħu jiġu mgħoddija lill-Kummissjoni u jinqasmu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

### Illustrazzjoni 2: Fluss metodoloġiku ġenerali tal-Panel.




Matul is-sessjonijiet tal-panel, kien hemm żmien biżżejjed għall-bini tal-gruppi u l-iskambju bejniethom, kemm waqt is-sessjonijiet plenarji kif ukoll waqt il-ħidma fi gruppi. L-istruttura tas-sessjonijiet tfasslet biex tħeġġeġ l-interazzjoni fost il-parteċipanti u biex tiżgura li l-ilħna kollha jinstemgħu. Minħabba li l-panel taċ-ċittadini sar f'ambejnt multilingwi, iċ-ċittadini dejjem setgħu jitellmu bil-lingwa materna tagħhom, iffaċilitati b'servizzi ta' interpretazzjoni. Il-gruppi ta' ħidma kienu magħmulin b'mod li ppermetta diversità ġeografika suffiċjenti, b'taħlita ta' parteċipanti minn pajjiżi akbar u iżgħar u li jitkellmu massimu ta' ħames lingwi differenti li ġew ragruppati flimkien. Il-faċilitaturi setgħu imexxu d-diskussjoni bil-lingwa materna tagħhom jew bl-Ingliż.

## 3.2. SESSJONI 1: PROĊESS U EŻITI

L-ewwel sessjoni saret fi Brussell bejn is-16 u t-18 ta' Diċembru 2022. L-għan tagħha kien li tiġġenera ideat u li tibni raggruppamenti ta' approċċi li ċ-ċittadini sabu l-aktar promettenti għal aktar diskussjonijiet fis-sessjonijiet sussegwenti.

### L-ewwel jum (il-Ġimgħa, is-16 ta' Diċembru 2022)

**Illustrazzjoni 3: Il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea Dubravka Šuica tilqa' liċ-ċittadini.**



Fl-ewwel jum, iċ-ċittadini ngħataw merħba mill-moderati ewlenin u mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea: Il-Viċi President għad-Demokrazija u d-Demografija (il-Kummissjoni Ewropea) **Dubravka Šuica**, il-Kummissarju Ewropew għas-Saħħa u s-Sikurezza tal-Ikel **Stella Kyriakides** u d-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni **Pia Ahrenkilde Hansen**. Huma enfasizzaw l-importanza tal-panel taċ-ċittadini u r-rwol tal-UE fl-indirizzar tal-ħela tal-ikel. Il-moderaturi ewlenin spjegaw l-ordni tal-aġenda tal-ewwel sessjoni kif ukoll tas-sessjonijiet ta' wara liċ-ċittadini. Wara xi logħob biex isiru jafu aktar lil xulxin, stħarriġ qasir online għen liċ-ċittadini biex jidħlu aktar fit-tema tal-ħela tal-ikel. Biex iċ-ċittadini jkunu ppreparati aktar għad-diskussjonijiet sussegwenti, id-Deputat Kap tal-Unità dwar id-Djalogu maċ-Ċittadini (DĠ Komunikazzjoni) tal-Kummissjoni Ewropea, **Gaëtane Ricard-Nihoul**,

introduċiet fil-qosor il-korpi tal-UE, kif ukoll il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u dak leġiżlattiv. Wara dan, il-Kap tat-Tim dwar il-ħela tal-ikel (Taqsima "Strateġija Mill-Għalqa sal-Platt" (DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari)) fil-Kummissjoni Ewropea, **Anne-Laure Gassin**, introduċiet it-tema tal-ħela tal-ikel fid-dettall. **Gyula Kasza**, il-Koordinatur tal-programm nazzjonali għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel tal-Ungerija, u **Toine Timmermans**, Maniġer tal-Programm tal-Katini Alimentari Sostenibbli tal-Università ta' Wageningen, komplew jelaboraw dwar it-tema billi ffukaw fuq il-mistoqsijiet "X'inhi l-isfida?" u "x'nistgħu nagħmlu?".

Barra minn hekk, panel ta' esperti u prattikanti diversi mis-setturi pubbliċi u privati (li jkopri l-katina tal-provvista tal-ikel, il-komunità tar-riċerka u NGOs) ippreżenta perspettivi differenti dwar it-tema tal-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel. Permezz ta' stħarriġ online, iċ-ċittadini ssottomettew kontinwament mistoqsijiet li l-esperti fil-KIC wieġbu matul tmiem il-ġimgħa. Waqt l-ewwel laqgħa tal-panel, iċ-ċittadini qajmu aktar minn 80 mistoqsija li ħafna minnhom kienu jmorru lil hinn mit-tema tal-ħela tal-ikel u jiffokaw fuq il-funzjonament tas-sistemi tal-ikel b'mod aktar ġenerali.

## It-tieni jum (is-Sibt, is-17 ta' Diċembru 2022)

Fit-tieni jum, iċ-ċittadini nqasmu u ħadmu fi 12-il grupp ta' ħidma parallel, bl-għajnuna ta' interpretazzjoni simultanja u ta' faċilitaturi b'esperjenza. Il-gruppi pproduċew il-kontenut tagħhom fuq spreadsheets multilingwi li kienu interkonnessi mal-gruppi l-oħra. Matul l-ewwel parti tal-ġurnata, saru diskussjonijiet fil-gruppi dwar il-valuri tal-UE, l-ikel u l-ħela tal-ikel inġenerali. Sussegwentement, id-diskussjonijiet iffokaw fuq is-soluzzjonijiet u l-ideat potenzjali għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel u l-prijoritizzazzjoni tagħhom. Kull grupp għażel l-aqwa ħames ideat u approċċi tagħhom għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel. Imbagħad iċ-ċittadini ntalbu jorbtu l-approċċi tal-gruppi l-oħrajn mal-ideat tagħhom stess u b'hekk ikkontribwew għar-raggruppament ta' 60 idea u approċċ li kienu ġew ipprijoritizzati qabel. Kull grupp imbagħad ġie allokat wieħed mir-raggruppamenti li ġew identifikati qabel u ntalbu jittikkettaw u jiddiskutu r-raggruppamenti. Il-parteċipanti kkumplimentaw ir-raggruppamenti b'ideat addizzjonali u ġġustifikaw l-importanza ta' kull raggruppament. L-għan ta' dan l-eżerċizzju kien li ċ-ċittadini jiksbu sentiment kondiviż ta' responsabbiltà u li kulħadd ikollu l-opportunità li jagħti l-opinjoni tiegħu dwar it-temi.



## It-tielet jum (il-Ħadd, it-18 ta' Diċembru 2022)

**Illustrazzjoni 4: Iċ-ċittadini pprijoritizzaw ir-raggruppamenti f'"Forum miftuħ".**




Fit-tielet jum, kull parteċipant irċieva lista tar-raggruppamenti bil-lingwa rispettiva tiegħu fil-bidu tas-sessjoni plenarja. Iċ-ċittadini mbagħad intalbu biex jagħtu prijorità lir-raggruppamenti f'"Forum Miftuħ" li kien jikkonsisti f'10 posters li juru r-raggruppamenti u isimhom, kif mgħotija mill-gruppi ta' ħidma. Iċ-ċittadini ngħataw ħames punti kull wieħed, li mbagħad użawhom biex jikklassifikaw ir-raggruppamenti favoriti tagħhom fuq il-posters. Wara waqfa għall-kafè, saret sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet bl-iskop li jitwieġbu l-mistoqsijiet miftuħa u rikorrenti li tqajmu matul tmiem il-ġimgħa, kif ukoll il-mistoqsijiet spontanji li saru waqt il-plenarja. Wara, ġiet ippreżentata l-klassifikazzjoni tar-raggruppamenti flimkien ma' informazzjoni għas-sessjoni li kien imiss. **Richard Kühnel**, mid-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (DĠ Komunikazzjoni) fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea ta l-kummenti finali u diskors tal-għeluq.

### Tabella 3: L-aġenda tal-ewwel sessjoni

| Il-Ġimgħa (is-16 ta' Diċembru 2022) | PLENARJA |
|---|---|
| 14:00 – 14:15 | Merħba mill-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissarju għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, Stella Kyriakides, id-Direttur Ġenerali Pia Ahrenkilde Hansen, u l-messaġġ mill-Viċi President għad-Demokrazija u d-Demografija, Dubravka Šuica). |
| 14:15 – 15:30 | Għaliex qegħdin hawn? Insiru nafu lil xulxin, tagħrif dwar l-istituzzjonijiet u l-leġiżlazzjoni tal-UE, ir-rwol taċ-ċittadini f'dan il-proċess. |
| 15:30 – 16:00 | *Pawża għall-kafè* |
| 16:00 – 18:00 | Dwar xiex qed nitkellmu? Introduzzjoni fuq il-ħela tal-ikel u l-katina tal-valur, diskussjoni tal-panel immexxija minn moderatur dwar l-azzjonijiet biex titnaqqas il-ħela tal-ikel ma' partijiet kkonċernati differenti, kwistjonijiet organizzattivi. |
| **Is-Sibt (is-17 ta' Diċembru 2022)** | **GRUPPI TA' ĦIDMA** |
| 09:00 – 10:30 | Min int u x'inhu importanti għalik? Insiru nafu lil xulxin, niddiskutu l-valuri personali, skambju dwar id-drawwiet (tal-ħela) tal-ikel |
| 10:30 – 11:00 | *Pawża għall-kafè* |
| 11:00 – 13:00 | Kif nistgħu nnaqqsu l-ħela tal-ikel u liema soluzzjonijiet jidher li huma l-aktar importanti? Diskussjoni dwar approċċi u azzjonijiet differenti, l-iġġenerar ta' ideat, prijoritizzazzjoni |
| 13:00 – 14:30 | *Waqfa għall-ikla ta' nofsinhar* |
| 14:30 – 16:00 | Liema ideat ta' gruppi oħra huma simili għal tagħna? Norbtu l-approċċi tagħna ma' dawk ta' gruppi ta' ħidma oħra (norbtu u nirraggruppaw) |
| 16:00 – 16:30 | *Pawża għall-kafè* |
| 16:30 – 18:00 | Kif nistgħu nittikkettaw l-ideat simili u għaliex huma importanti fit-tnaqqis tal-ħela tal-ikel? Naħdmu bir-raggruppamenti tal-approċċi u nittikkettawhom (kategorizzazzjoni) |
| **Il-Ħadd (it-18 ta' Diċembru 2022)** | **PLENARJA** |
| 09:00 – 10:45 | X'inhu r-riżultat tal-gruppi ta' ħidma? Preżentazzjoni tar-raggruppamenti, Forum Miftuħ, prijoritizzazzjoni tar-raggruppamenti |
| 10:45 – 11:15 | *Pawża għall-kafè* |
| 11:15 – 13:00 | X'tgħallimna f'dan it-tmien il-ġimgħa u xi jmiss? Tweġibiet għall-mistoqsijiet ċentrali, preżentazzjoni tar-raggruppamenti prijoritizzati, tranżizzjoni għat-tieni sessjoni, rispons, rimarki finali u messaġġ tal-aħħar minn Richard Kühnel, id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni |

## L-10 RAGGRUPPAMENTI

Ir-riżultati tal-gruppi ta' ħidma nġabru f'għaxar raggruppamenti mit-Tim ta' Deliberazzjoni, bl-użu tal-kliem u l-ideat taċ-ċittadini. Matul il-Forum Miftuħ, ir-raggruppamenti ġew prijoritizzati fl-ordni li ġejja:

1. Bdiewa lokali u produtturi żgħar: soluzzjoni vijabbli għall-ħela tal-ikel?
2. Tagħlim u sensibilizzazzjoni
3. "Duq il-Ħela": Kampanja kontra l-Ħela tal-Ikel
4. Qassam, taħlix!/Tqassim ifisser iffrankar/Unjoni ta' solidarjetà għal aċċess ġust għall-ikel biex tiġi evitata l-ħela
5. Tikkettar: Informa għal inqas ħela
6. Daqsijiet tal-menus u konsum tal-fdalijiet
7. Inizjattivi li għandhom jiġu adottati mis-supermarkets u mill-katina tad-distribuzzjoni biex jirrapportaw dwar il-ħela tal-ikel u jnaqqsu l-ħela tal-ikel
8. Il-kwalità u kwantità tal-informazzjoni dwar il-ħela tal-ikel tul il-katina tal-valur
9. Inċentivi biex titnaqqas il-ħela tal-ikel korporattiv
10. Il-kapaċità ta' kull parteċipant affettwat biex jinfluwenza il-politika tal-ikel tal-UE



## 3.3. SESSJONI 2: PROĊESS U EŻITI

It-tieni sessjoni tal-panel saret online mill-20 sat-22 ta' Jannar 2023. L-għanijiet ta' din is-sessjoni kienu li ċ-ċittadini jibnu fuq l-approċċi fformulati fl-ewwel sessjoni u li jabbozzaw l-ewwel ideat konkreti għar-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini biex titnaqqas il-ħela tal-ikel. Wara proċess iterattiv ta' "rieżami bejn il-pari", iċ-ċittadini fit-12-il grupp ta' ħidma rrieżaminaw il-ħidma ta' xulxin u bnew fuqha, u ressqu 24 idea għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel. Dawn imbagħad iffurmaw il-bażi għall-iżvilupp tar-rakkomandazzjonijiet finali tal-panel matul it-tielet u l-aħħar sessjoni tiegħu.

Sabiex tiġi strutturata l-ħidma tas-sessjoni, l-approċċi miġbura fl-ewwel sessjoni ġew raggruppati fi tliet "blokok tematiċi" mill-Kumitat tal-Għarfien (ara wkoll Illustrazzjoni 5):

- → Blokka tematika I: "Kooperazzjoni fil-katina tal-valur tal-ikel: Mill-għalqa sal-platt"
- → Blokka tematika II: "Inizjattivi tan-negozju tal-ikel"
- → Blokka tematika III: "Appoġġ għall-bidla fl-imġiba tal-konsumatur"

## L-ewwel jum (il-Ġimgħa, l-20 ta' Jannar 2023)

Fl-ewwel jum, iċ-ċittadini ntlaqgħu minn moderaturi li ħeġġew lill-parteċipanti biex jaqsmu l-esperjenza tagħhom fir-rigward tal-attitudnijiet u l-imġiba tagħhom dwar il-ħela tal-ikel mill-Ewwel sessjoni (appoġġata minn stħarriġ interattiv). Il-moderaturi mbagħad ippreżentaw fil-qosor l-aġenda tat-Tieni sessjoni liċ-ċittadini, qabel ma taw il-kelma lill-esperti għal preżentazzjoni ġenerali dwar l-azzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri għall-prevenzjoni u t-tnaqqis fil-ħela tal-ikel. L-ewwel, **Anna-Laure Gassin** (DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari), aġġornat liċ-ċittadini dwar l-istatus tal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-ħela tal-ikel. **Toine Timmermans** (l-Università u r-Riċerka ta' Wageningen) ippreżenta approċċi għall-indirizzar tal-ħela tal-ikel fil-livell nazzjonali u l-importanza ta' sħubijiet pubbliċi-privati. Imbagħad, sensiela ta' esperti u prattikanti taw kontributi aktar speċifiċi fi tliet diskussjonijiet moderati tal-panel – waħda għal kull blokka tematika.

**Illustrazzjoni 5: Kif il-Kumitat tal-Għarfien għadda minn tnax-il eżitu tal-gruppi għal tliet blokok tematiċi bejn l-Ewwel u t-Tieni Sessjoni (disponibbli biss bl-Ingliż).**



## It-tieni jum (is-Sibt, il-21 ta' Jannar 2023)

Fit-tieni jum, iċ-ċittadini ħadmu fi 12-il grupp ta' ħidma parallel, mgħejuna minn faċilitaturi b'esperjenza u interpretazzjoni simultanja. Matul l-ewwel parti tal-ġurnata, kull blokka tematika ġiet assenjata lil erba' gruppi ta' ħidma li ntalbu jifformulaw idea bbażata fuq il-kontenut tal-blokka tagħhom. Il-faċilitaturi ħadu nota tal-idea(t) tagħhom fuq spreadsheets multilingwi li kienu interkonnessi ma' dawk il-gruppi jew ma' gruppi oħrajn. Fit-tieni sessjoni, il-gruppi ġew assenjati blokka tematika differenti. Huma ntalbu jipprovdu feedback dwar idea fformulata minn grupp ieħor u jipproponu l-ideat tagħhom stess relatati mat-temi tal-blokka. Matul it-tielet sessjoni tal-ġurnata, il-gruppi mxew għall-aħħar blokka tematika tagħhom, fejn ingħataw żewġ ideat oħra fformulati qabel biex jikkummentaw dwarhom. Barra minn hekk, huma setgħu jagħżlu bejn l-iżvilupp ta' idea ġdida jew l-għoti ta' aktar feedback għal ideat diġà fformulati fit-tieni sessjoni. Matul il-jum, iċ-ċittadini setgħu jissottomettu mistoqsijiet li ġew imwieġba matul tmiem il-ġimgħa minn esperti fil-KIC.

### Illustrazzjoni 6: It-12-il Grupp ta' Ħidma koprew it-tliet blokok tematiċi kollha matul it-Tieni jum (illustrazzjoni disponibbli biss bl-Ingliż)




## It-tielet jum (il-Ħadd, it-22 ta' Jannar 2023)

Fit-tielet jum, il-parteċipanti reġgħu ltaqgħu fil-gruppi ta' ħidma tagħhom għar-raba' u l-aħħar ċiklu ta' deliberazzjonijiet tal-grupp. Kull grupp ta' ħidma sar is-sid ta' żewġ ideat jew tlieta fi ħdan blokka tematika waħda, u integra r-rispons li wasal dwar dawk l-ideat minn gruppi oħra. Il-gruppi mbagħad intalbu jikkonsolidaw is-sett ta' ideat assenjati lilhom. Wara, kull grupp ta' ħidma ħatar ċittadin biex jippreżenta l-ideat konsolidati tal-grupp tagħhom għal rakkomandazzjonijiet fi plenarja online u wieġeb għal aktar mistoqsijiet li tqajmu mill-moderaturi. Fl-aħħar nett, il-moderaturi ewlenin talbu liċ-ċittadini għal rispons dwar it-tieni sessjoni tal-panel u pprovdew ħarsa ġenerali dwar it-tielet sessjoni.

Ir-riżultat tal-gruppi ta' ħidma kien l-abbozzar ta' 24 idea differenti li mbagħad jiġu ttrasformati f'rakkomandazzjonijiet finali matul it-tielet u l-aħħar sessjoni tal-panel.

## Tabella 4: L-aġenda tat-tieni sessjoni

| Il-Ġimgħa (l-20 ta' Jannar 2023) | PLENARJA | | |
|---|---|---|---|
| 14.30–15.00 | Merħba u preżentazzjoni tal-aġenda | | |
| 15.00–15.30 | Preżentazzjonijiet dwar tema trasversali | | |
| 15.30–15.40 | *Pawża* | | |
| 15.40–16.35 | Diskussjoni tal-panel immexxija mill-moderaturi dwar il-blokka tematika I: "Kooperazzjoni fil-katina tal-valur tal-ikel: Mill-għalqa sal-platt" | | |
| 16.35–16.45 | *Pawża* | | |
| 16.45–17.40 | Diskussjoni tal-panel immexxija mill-moderaturi dwar il-blokka tematika II: "Inizjattivi tan-negozju tal-ikel" | | |
| 17.40–17.50 | *Pawża* | | |
| 17.50–18.45 | Diskussjoni tal-panel immexxija mill-moderaturi dwar il-blokka tematika III: "Appoġġ għall-bidla fl-imġiba tal-konsumatur" | | |
| 18.45–19.00 | Ħarsa ġenerali lejn l-aġenda għall-jiem li ġejjin | | |
| **Is-Sibt (il-21 ta' Jannar 2023)** | **GRUPPI TA' ĦIDMA** | | |
| 09.30–11.15 | Sessjoni 1: Żvilupp ta' ideat għar-rakkomandazzjonijiet | | |
| | Gruppi ta' Ħidma 1–4: Blokka tematika II | Gruppi ta' Ħidma 5–8: Blokka tematika III | Gruppi ta' Ħidma 9–12: Blokka tematika I |
| 11.15–11.30 | *Pawża* | | |
| 11.30–13.15 | Sessjoni 2: Feedback dwar l-ideat u l-iżvilupp ta' ideat għar-rakkomandazzjonijiet | | |
| | Gruppi ta' Ħidma 1–4: Blokka tematika I | Gruppi ta' Ħidma 5–8: Blokka tematika II | Gruppi ta' Ħidma 9–12: Blokka tematika III |
| 13.15–14.45 | *Waqfa għall-ikla ta' nofsinhar* | | |
| 14.45–16.00 | Sessjoni 3, l-ewwel parti: Feedback dwar l-ideat u l-iżvilupp ta' ideat għar-rakkomandazzjonijiet | | |
| | Gruppi ta' Ħidma 1–4: Blokka tematika III | Gruppi ta' Ħidma 5–8: Blokka tematika I | Gruppi ta' Ħidma 9–12: Blokka tematika II |
| 16.00–16.15 | *Pawża* | | |
| 16.15–17.30 | Sessjoni 3, it-tieni parti: Feedback dwar l-ideat u l-iżvilupp ta' ideat għar-rakkomandazzjonijiet | | |
| | Gruppi ta' Ħidma 1–4: Blokka tematika III | Gruppi ta' Ħidma 5–8: Blokka tematika I | Gruppi ta' Ħidma 9–12: Blokka tematika II |
| **Il-Ħadd (it-22 ta' Jannar 2023)** | **SETTING IMĦALLAT** | | |
| 09.30–11.30 | Gruppi ta' Ħidma<br>Sessjoni 4: Konsolidazzjoni tal-ideat għar-rakkomandazzjonijiet | | |
| | Gruppi ta' Ħidma 1–4: Blokka tematika II | Gruppi ta' Ħidma 5–8: Blokka tematika III | Gruppi ta' Ħidma 9–12: Blokka tematika I |
| 11.30–12.00 | *Pawża* | | |
| 12.00–14.00 | Plenarja<br>Preżentazzjoni tal-ideat u tranżizzjoni għas-Sessjoni 3 | | |

## 3.4. SESSJONI 3: PROĊESS U EŻITI

Matul it-tielet sessjoni mill-10 sat-12 ta' Frar 2023, iċ-ċittadini ffinalizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom. Meta ltaqgħu wiċċ imb wiċċ fi Brussell, huma ddiskutew, fit-tnax il-grupp ta' ħidma, il-feedback u l-kontributi pprovduti minn esperti minn sfondi differenti qabel ma ffinalizzaw ir-rakkomandazzjonijiet. Fi proċedura finali ta' votazzjoni, iċ-ċittadini kollha esprimew il-qbil jew in-nuqqas ta' qbil tagħhom ma' kull rakkomandazzjoni.

### L-ewwel jum (il-Ġimgħa, l-10 ta' Frar 2023)

**Illustrazzjoni 7: Iċ-ċittadini jiddiskutu fil-plenarja**



L-ewwel jum ta' din is-sessjoni finali kien iddedikat biex jingħata u jiġi diskuss il-feedback dwar l-ideat għar-rakkomandazzjonijiet abbozzati fit-tieni sessjoni. F'sessjoni plenarja, kelliema esperti minn diversi sfondi (ara taqsima 2.5) ipprovdew l-osservazzjonijiet u l-għarfien ġenerali tagħhom dwar l-ideat proposti miċ-ċittadini. Mill-perspettiva speċifika tagħhom, huma enfasizzaw fejn raw lakuni jew opportunitajiet biex itejbu l-ideat taċ-ċittadini fir-rigward tal-impatt possibbli tagħhom fuq il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel. Wara, iċ-ċittadini kellhom l-opportunità li jiddiskutu mal-esperti dwar kif jistgħu jiżviluppaw aktar l-ideat tagħhom fi tliet sessjonijiet plenarji paralleli, li kull waħda minnhom tindirizza blokka tematika speċifika. Hawnhekk, erba' gruppi ta' ħidma, li kienu jinkludu sa 50 ċittadin kull wieħed, iltaqgħu ma' tliet esperti (ara l-listi fil-kapitolu 2.5) u ddiskutew dwar kif jiżviluppaw aktar l-ideat tagħhom.

## It-tieni jum (is-Sibt, il-11 ta’ Frar 2023)

Abbażi tal-ideat oriġinali tagħhom u l-kontributi u l-feedback li waslu matul il-plenarji kif ukoll fid-diskussjonijiet li segwew, iċ-ċittadini rritornaw fit-12-il grupp ta’ ħidma biex jabbozzaw, jiżviluppaw u jiffinalizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom. Matul dan il-proċess iffukat, huma identifikaw mistoqsijiet ewlenin u kwalunkwe informazzjoni nieqsa li setgħet tfixkel il-formulazzjoni ta’ rakkomandazzjonijiet komprensivi iżda preċiżi. Biex iwieġbu dawn il-mistoqsijiet u jegħlbu l-istaġnar potenzjali, diversi esperti u membri miċ-Ċentru tal-Għarfien u l-Informazzjoni ngħaqdu għal ftit fid-diskussjonijiet għal diskussjonijiet qosra, qabel ma ċ-ċittadini ffinalizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom, filwaqt li faċilitaturi b’esperjenza għenuhom biex jilħqu kunsens.

## It-tielet jum (il-Ħadd, it-12 ta’ Frar 2023)

### Illustrazzjoni 8: Iċ-ċittadini vvotaw fuq ir-rakkomandazzjonijiet kollha bl-użu ta’ poloz tal-vot.



Fis-sessjoni plenarja finali, ir-relaturi tat-12-il grupp ta’ ħidma ppreżentaw ir-rakkomandazzjonijiet rispettivi tagħhom lill-panel kollu. L-astensjoni kienet ukoll għażla. L-għan kien li jiġi vverifikat il-livell ta’ kunsens dwar ir-rakkomandazzjonijiet fost il-Panel kollu u kemm dawn ġew appoġġati b’mod qawwi (ir-riżultati tal-votazzjoni jistgħu jinstabu fit-Tabella 6). Fl-aħħar nett, il-panel ġie konkluż bi kliem ta’ apprezzament minn **Colin Scicluna**, il-Kap tal-Kabinett tal-Viċi President għad-Demokrazija u d-Demografija tal-Kummissjoni Ewropea, **Sandra Gallina**, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari, u **Pia Ahrenkilde Hansen**, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ Komunikazzjoni.









### Tabella 5: L-aġenda tat-tielet sessjoni

| **Il-Ġimgħa (l-10 ta' Frar 2023)** | **PLENARJA** |
|---|---|
| 14.00–14.30 | Merħba u preżentazzjoni tal-aġenda |
| 14.30–15.30 | Kontributi dwar temi trasversali u l-għan tar-rakkomandazzjonijiet |
| 15.30–16.00 | *Pawża għall-kafè* |
| 16.00–18.00 | Tliet sottoplenarji<br>Gruppi ta' Ħidma 1–4: Blokka tematika II – "Inizjattivi fin-negozju tal-ikel"<br>Gruppi ta' Ħidma 5–8: Blokka tematika III "Appoġġ għall-bidla fl-imġiba tal-konsumatur"<br>Gruppi ta' Ħidma 9–12: Blokka tematika I "Kooperazzjoni fil-katina tal-valur tal-ikel: Mill-għalqa sal-platt" |
| **Is-Sibt (il-11 ta' Frar 2023)** | **GRUPPI TA' ĦIDMA** |
| 09.00–10.30 | Deliberazzjoni dwar l-ewwel idea u abbozzar tal-ewwel rakkomandazzjoni |
| 10.30–11.00 | *Pawża għall-kafè* |
| 11.00–12.30 | Deliberazzjoni dwar it-tieni idea u abbozzar tat-tieni rakkomandazzjoni |
| 12.30–14.00 | *Waqfa għall-ikla ta' nofsinhar* |
| 14.00–15.30 | Il-kontributi tal-esperti dwar l-abbozz tal-ewwel u t-tieni rakkomandazzjonijiet |
| 15.30–16.00 | *Pawża għall-kafè* |
| 16.00–17.30 | Finalizzazzjoni tal-ewwel u t-tieni rakkomandazzjonijiet |
| **Il-Ħadd (it-12 ta' Frar 2023)** | **PLENARJA** |
| 09.00–09.15 | Merħba lura |
| 09.15–09.50 | Preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar il-blokka tematika I u votazzjoni |
| 09.50–10.25 | Preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar il-blokka tematika II u votazzjoni |
| 10.25–11.00 | Preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar il-blokka tematika III u votazzjoni |
| 11.00–11.30 | *Pawża għall-kafè* |
| 11.30–11.45 | Ritratt tal-grupp |
| 11.45–12.15 | Preżentazzjoni tar-riżultati |
| 12.15–12.45 | Mumenti ċerimonjali u diskorsi uffiċjali mill-istituzzjonijiet tal-UE |
| 12.45–13.00 | Tislima |

Ir-riżultati tas-sessjoni kienu 23 rakkomandazzjoni, li rċevew livelli differenti ta' appoġġ matul il-votazzjoni finali fl-aħħar jum. It-tabella li ġejja turi r-rakkomandazzjonijiet magħżula fl-ordni li ġew ippreżentati fil-plenarja. Ir-rakkomandazzjonijiet sħaħ inkluż it-titolu, il-korp tat-test ewlieni, il-ġustifikazzjoni u aktar dettalji jistgħu jinstabu fl-anness.

## Tabella 6: Rakkomandazzjonijiet

| Nru | TITOLU TAR-RAKKOMANDAZZJONI | Favur | Kontra | Astensjonijiet |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Aktar ma l-konsumatur ikun qrib il-bidwi, aktar ikun kuntent: Inqas ħela, aktar sostenibbiltà | 120 | 15 | 5 |
| 2 | Togħmiet lokali: L-appoġġ pubbliku u privat għall-biedja lokali biex titnaqqas il-ħela tal-ikel | 119 | 9 | 12 |
| 3 | Qassam, taħlix! | 93 | 31 | 16 |
| 4 | Il-kondiviżjoni tad-*data* u l-aħjar prattiki madwar l-Ewropa | 97 | 27 | 16 |
| 5 | Il-ġbir tad-*data* tul il-katina tal-provvista tal-ikel | 101 | 28 | 11 |
| 6 | Il-vuċi taċ-ċittadini hija importanti: Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-politika Ewropea dwar l-ikel | 91 | 37 | 12 |
| 7 | Maqtugħ frisk: Il-valur tal-ikel staġunali | 103 | 26 | 11 |
| 8 | Network tal-iskambju tal-ikel fl-UE kollha | 84 | 41 | 14 |
| 9 | Xiri ppjanat u ridistribuzzjoni | 85 | 38 | 16 |
| 10 | Ir-ristoranti jappoġġaw il-kunċett "gawdi mingħajr ma taħli" | 113 | 17 | 9 |
| 11 | Il-ħela kollha għandha piż | 73 | 48 | 18 |
| 12 | Sistema ta' rapportar obbligatorju għat-trasparenza abbinata ma' penali u premjijiet | 68 | 56 | 15 |
| 13 | Leġiżlazzjoni għall-UE kollha dwar il-qerda tal-prodotti tal-ikel mhux mibjugħa — approċċ ta' apprendiment bejn il-pari madwar l-Istati Membri | 109 | 20 | 10 |
| 14 | It-trasparenza dwar il-ħela tal-ikel għall-viżibbiltà u l-azzjoni | 102 | 22 | 15 |
| 15 | L-innovazzjoni fl-imballaġġ u l-użu tal-imballaġġ meta jkun meħtieġ | 116 | 18 | 5 |
| 16 | It-twessigħ tad-definizzjoni ta' ħela tal-ikel sabiex jiġi salvat ikel mhux maħsud | 110 | 19 | 10 |
| 17 | L-inkoraġġiment tal-adulti biex l-azzjoni dwar il-ħela tal-ikel tingħata prijorità | 113 | 20 | 6 |
| 18 | Is-sensibilizzazzjoni dwar in-nutrizzjoni u l-ikel sostenibbli fl-iskejjel primarji u sekondarji | 123 | 9 | 7 |
| 19 | Il-promozzjoni u l-appoġġ ta' applikazzjonijiet u pjattaformi għall-kondiviżjoni tal-ikel li jlaqqgħu lill-konsumaturi ma' xulxin | 97 | 25 | 17 |
| 20 | Taħlix l-ikel, iffranka l-flus: Kampanja Ewropea kontra l-ħela tal-ikel f'kooperazzjoni mal-bejjiegħa tal-ikel bl-imnut imqassma fuq erba' darbiet fis-sena fi tmiem-il ġimgħa | 98 | 31 | 10 |
| 21 | "Inwaqqfu l-ħela tal-ikel": Ġimgħa ta' sensibilizzazzjoni dwar il-ħela tal-ikel fl-iskejjel | 116 | 16 | 7 |
| 22 | Biex il-konsumaturi jingħataw l-għodod biex ikunu konxji mill-impatt tagħhom fuq il-ħela tal-ikel u indipendenti u biex jifhmu kif jipproċessaw, jippreservaw u jużaw mill-ġdid prodott qabel u wara l-iskadenza.<br>(id-data "uża sa" hija data ta' sikurezza li warajha prodott ma għandux jiġi kkunsmat; "l-aħjar qabel" tindika d-data sa meta prodott iżomm il-kwalità ottimali tiegħu) | 108 | 26 | 5 |
| 23 | L-implimentazzjoni ta' prattiki standardizzati fil-livell tal-bejgħ bl-imnut meta jiġu promossi lill-konsumaturi prodotti qrib id-data ta' skadenza. | 109 | 18 | 12 |




Iċ-ċittadini qasmu feedback dwar l-esperjenza tagħhom fil-Panel taċ-Ċittadini Ewropej fi stħarriġ dwar il-feedback. Kienu ħadu sehem 4 % biss taċ-ċittadini fi proċess ta' parteċipazzjoni qabel. Mill-perspettiva tagħhom, il-Panel kien suċċess. 83 % taċ-ċittadini kienu tal-fehma li l-Panel kien jirrappreżenta "totalment" (34 %) jew "xi ftit" (49 %) is-soċjetà kollha, għalkemm xi nies ikkummentaw li xi gruppi żvantaġġati kienu neqsin. Meta ntalbu jiġġudikaw l-esperjenza ġenerali tagħhom, 97 % tal-parteċipanti kienu jew "kompletament sodisfatti" (66 %) jew "pjuttost sodisfatti" (31 %) bil-Panel taċ-Ċittadini. B'maġġoranzi daqstant kbar, iċ-ċittadini rrapportaw li l-għarfien tagħhom dwar il-ħela tal-ikel żdied (96 %), li l-opinjoni tagħhom dwar il-ħela tal-ikel inbidlet (77 %) u li l-fehma tagħhom dwar l-Unjoni Ewropea saret aktar pożittiva (64 %).

"Li tikkoopera ma' nies minn madwar l-UE u li tara li l-maġġoranza l-kbira hija interessata u qed tipprova ssib il-mod it-tajjeb biex ittejjeb is-sitwazzjoni tal-ħela tal-ikel kienu xi ħaġa inkredibbli."

*Lucie, 40, iċ-Ċekja*


European Citizens Panel
food waste
Have Your Say



# 4. Il-passi li jmiss



Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Ħela tal-Ikel kien l-ewwel wieħed ta' dan it-tip: dan kien l-ewwel Assemblea taċ-Ċittadini tranżnazzjonali organizzata minn korp eżekuttiv b'rabta ma' proposta ta' politika konkreta.

It-23 rakkomandazzjoni ippreżentati miċ-ċittadini jieħdu **approċċ sistemiku wiesa**' u jindirizzaw il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel fil-mod kif jiffunzjonaw is-sistemi tal-ikel b'mod aktar ġenerali. Ir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini jassoċjaw it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel b'mod aktar ġenerali ma' katina tal-provvista tal-ikel ġusta u ekwa li tiżgura s-solidarjetà (eż., l-ikkunsidrar tal-bilanċ tal-poter bejn l-atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel u l-indirizzar ta' prattiki kummerċjali inġusti li jistgħu jwasslu għall-ħela tal-ikel; l-appoġġ lill-produtturi lokali eċċ.). Fid-dawl ta' sfidi dejjem akbar għas-sigurtà tal-ikel, iċ-ċittadini jirrakkomandaw mekkaniżmi li jiffaċilitaw ir-ridistribuzzjoni tal-ikel żejjed lil dawk fil-bżonn u jitolbu li titwessa' d-definizzjoni tal-ħela tal-ikel biex tinkludi l-ikel li ma jkunx inħasad u jiġi mħeġġeġ il-qtugħ. Mill-bidu nett, iċ-ċittadini ffukaw fuq il-ħtieġa li jinvolvu lill-atturi kollha u jsaħħu l-kollaborazzjoni fil-katina tal-provvista tal-ikel. Dan **l-approċċ olistiku** huwa rifless ukoll fit-tliet temi indirizzati mir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini: 1) Kooperazzjoni fil-katina tal-valur tal-ikel: mill-għalqa sal-platt; 2) Inizjattivi tan-negozju tal-ikel u 3) L-appoġġ għat-tibdil fl-imġiba tal-konsumaturi.

Ir-rakkomandazzjonijiet jaffermaw mill-ġdid il-ħtieġa għal **approċċ ibbażat fuq l-evidenza** biex jiggwida l-prevenzjoni effettiva tal-ħela tal-ikel mill-atturi kollha, filwaqt li jenfasizzaw l-importanza tal-monitoraġġ. Huma jirrikonoxxu wkoll il-ħtieġa li l-UE tistabbilixxi **għan ġenerali** biex titnaqqas il-ħela tal-ikel, bl-Istati Membri jieħdu passi biex jiżguraw li dan l-għan jintlaħaq. **Ir-rwol tal-edukazzjoni** fir-rigward tal-ikel, u l-ħela tal-ikel b'mod partikolari, huwa prominenti, u jirċievi l-ogħla livell ta' approvazzjoni miċ-ċittadini. Dan jibgħat messaġġ qawwi lill-Istati Membri dwar l-importanza tal-integrazzjoni tal-edukazzjoni dwar l-ikel fil-kurrikuli tal-iskejjel sabiex jgħin fil-bini tal-fehim u l-apprezzament tal-valur tal-ikel minn età bikrija.

Xi rakkomandazzjonijiet jirriflettu **l-ħidma kontinwa** tal-Kummissjoni Ewropea mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati biex tiġġieled il-ħela tal-ikel madwar l-UE. Pereżempju, il-Kummissjoni diġà qed timpenja ruħha ma' atturi rilevanti biex taqsam l-aħjar prattiki fil-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel permezz tal-Pjattaforma tal-UE dwar it-Telf u l-Ħela tal-Ikel (6), stabbilita fl-2016, u tħeġġeġ l-impenji min-negozji tal-ikel permezz tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar il-Prattiki Responsabbli tan-Negozju tal-Ikel u l-Kummerċjalizzazzjoni (7), adottat mill-partijiet ikkonċernati fl-2021. L-indirizzar tal-ħela tal-ikel mill-konsumatur huwa parti importanti mill-ħidma tal-Kummissjoni, kemm jekk permezz ta' proġetti ddedikati (eż., il-Forum Ewropew dwar il-Ħela tal-Ikel mill-Konsumatur ippubblika kompendju tal-"aħjar prattiki" (8) li jinkludi soluzzjonijiet, għodod, u rakkomandazzjonijiet biex jgħinu fit-tnaqqis tal-ħela tal-ikel mill-konsumatur), ir-riċerka u l-innovazzjoni (9) kif ukoll l-għotjiet (10) biex jappoġġaw lill-partijiet ikkonċernati fit-teħid ta' azzjoni. Il-linji gwida tal-UE biex tiġi ffaċilitata d-donazzjoni tal-ikel (11) jistgħu jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' approċċi armonizzati mill-Istati Membri, kif issuġġerit miċ-ċittadini tal-UE.

Fl-istess ħin, ir-rakkomandazzjonijiet jindikaw **punti għal aktar kunsiderazzjoni**, pereżempju l-projbizzjoni tal-qerda ta' ikel żejjed sikur. Għalkemm dan il-prinċipju diġà huwa rifless fil-ġerarkija tal-iskart (stabbilita fil-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-iskart (12), dan jista' jiġi kkunsidrat aktar fil-ħidma tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi sistemi tal-ikel sostenibbli sabiex jiġi żgurat li aktar mill-ikel prodott jintuża għall-konsum mill-bniedem. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjonijiet **jiżvelaw ukoll xi oqsma ta' azzjoni futura possibbli** għall-Kummissjoni, għall-Istati Membri u għal atturi oħra, bħall-ħtieġa ta' titjib fis-

(6) https://food.ec.europa.eu/safety/food-waste/eu-actions-against-food-waste/eu-platform-food-losses-and-food-waste_en.

(7) https://food.ec.europa.eu/horizontal-topics/farm-fork-strategy/sustainable-food-processing/code-conduct_en.

(8) https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC133004.

(9) Ara, pereżempju, il-proġett CHORIZO.

(10) https://ec.europa.eu/food/safety/food_waste/eu-food-loss-waste-prevention-hub/new/show/4956.

(11) Avviż tal-Kummissjoni — Il-Linji gwida tal-UE dwar id-donazzjoni tal-ikel (ĠU C 361, 25.10.2017, p. 1) (EUR-Lex - 52017XC1025(01) - MT - EUR-Lex (europa.eu)).

(12) Id-Direttiva (UE) 2018/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 109) (EUR-Lex - 32018L0851 - MT - EUR-Lex (europa.eu).



sensibilizzazzjoni u fl-involviment maċ-ċittadini madwar l-UE: pereżempju, il-jum Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Għarfien dwar it-Telf u l-Ħela tal-Ikel ([13]) ma huwiex magħruf sew; xi ċittadini saru jafu biss dwar il-kwistjoni tal-ħela tal-ikel meta ntalbu jipparteċipaw fil-panel; nuqqas ta' għarfien dwar il-ħidma li għaddejja fl-Istati Membri rispettivi taċ-ċittadini, eċċ. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati biex tkompli tibni s-sensibilizzazzjoni u tappoġġa t-tibdil fl-imġiba fir-rigward tal-ħela tal-ikel.

Fir-rigward tat-tfassil tal-politika tal-Kummissjoni Ewropea, **l-eżitu tal-panel taċ-ċittadini se jappoġġa l-ħidma ġenerali tal-Kummissjoni dwar il-ħela tal-ikel u jservi ta' gwida biex jgħin lill-Istati Membri jilħqu l-miri futuri**. Ir-rakkomandazzjonijiet jikkomplementaw il-valutazzjoni tal-impatt u l-konsultazzjoni pubblika mwettqa mill-Kummissjoni biex tappoġġa l-istabbiliment ta' miri tal-UE għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel u ġew ikkunsidrati fit-tħejjija tal-proposta leġiżlattiva, adottata mill-Kummissjoni fit-5 ta' Lulju 2023. Bħala parti minn reviżjoni mmirata tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart ([14]), il-Kummissjoni pproponiet l-istabbiliment ta' miri għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri sal-2030 sabiex jitħaffef il-kontribut tal-UE għall-għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti. Ġie ppubblikat ukoll "Rapport taċ-Ċittadini" ([15]) iqsar dwar il-ħidma taċ-ċittadini flimkien mal-proposta leġiżlattiva. Issa, is-suċċess tal-Panel taċ-Ċittadini jiddependi fuq kemm l-Istati Membri se jkunu jistgħu jikkunsidraw u jibdlu r-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini f'miżuri u azzjonijiet ta' politika konkreti, kif u fejn xieraq.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Panel taċ-Ċittadini se jiġu kondiviżi u diskussi wkoll mal-Pjattaforma tal-UE dwar it-Telf u l-Ħela tal-Ikel, li tlaqqa' flimkien lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati, sabiex ikunu jistgħu jikkunsidraw dawn fil-programmi tagħhom għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel. Iċ-ċittadini se jinżammu infurmati bl-iżviluppi ewlenin tal-UE fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel, bħall-adozzjoni tal-proposta leġiżlattiva.

([13]) https://food.ec.europa.eu/safety/food-waste/international-day-awareness-food-loss-and-waste_en.

([14]) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (COM(2023) 420 final) (EUR-Lex - 52023PC0420 - MT - EUR-Lex (europa.eu)).

([15]) https://food.ec.europa.eu/system/files/2023-07/fw_eu-actions_ia_report-2023_annex-016.pdf



# Anness: Ir-rakkomandazzjonijiet kollha

# BLOKKA TEMATIKA I — KOOPERAZZJONI FIL-KATINA TAL-VALUR TAL-IKEL: MILL-GĦALQA SAL-PLATT

## RAKKOMANDAZZJONI 1

### Aktar ma l-konsumatur ikun qrib il-bidwi, aktar ikun kuntent: Inqas ħela, aktar sostenibbiltà

Aħna nirrakkomandaw li l-UE tkompli l-ħidma tagħha b'politiki u b'inizjattivi biex tappoġġa lill-produtturi fuq skala żgħira fil-kummerċ tagħhom mal-bejjiegħa bl-imnut u mas-supermarkets. Bejjiegħa bl-imnut/proċessuri kbar għandhom vantaġġ ċar fis-saħħa f'din ir-relazzjoni, u spiss imexxu l-kummerċ favur tagħhom, li xi drabi jirriżulta fil-ħela tal-ikel.

Tliet aspetti jeħtieġu attenzjoni speċifika:

1. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom iħeġġu lill-bejjiegħa bl-imnut u lis-supermarkets biex dejjem jixtru mingħand l-eqreb produttur possibbli. Barra minn hekk, huma għandhom jinvestigaw u jiżviluppaw inċentivi li jimmotivaw lill-bejjiegħa bl-imnut biex isegwu dawn ir-rakkomandazzjonijiet.
2. L-UE jeħtieġ li timmonitorja u tittraċċa l-projbizzjoni ta' kanċellazzjonijiet tal-aħħar minuta mill-2019 u tkun lesta li tintervjeni jekk ma tiġix segwita.
3. L-UE jeħtieġ li tkompli taħdem ma' politiki dwar ikel ikrah/b'forma ħażina u jeħtieġ li tinvestiga ulterjorment il-konsegwenzi fir-rigward tal-ħela tal-ikel meta prodotti bħal dawn jiġu miċħuda.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

L-appoġġ lill-produtturi fuq skala żgħira u l-bejgħ tagħhom fil-qrib għandu potenzjal għoli li jnaqqas il-ħela tal-ikel b'diversi modi, kemm tul il-katina tal-valur kif ukoll fl-unitajiet domestiċi:

- → Meta t-trasport tal-ikel ikun twil u s-supermarkets jippruvaw ikunu kosteffiċjenti billi jżidu l-volumi, x'aktarx li jkun hemm ħela tal-ikel.
- → Il-produtturi lokali jistgħu jkunu aktar adattabbli u jirrispondu aktar malajr għall-bidliet fid-domanda, li jista' jnaqqas il-ħela.
- → L-ikel minn produtturi fil-qrib spiss ikun ta' kwalità ogħla u jservi aktar, li jista' jirriżulta f'inqas skart fl-unitajiet domestiċi.
- → L-ikel li bħalissa jintrema minħabba l-forma ħażina tiegħu jista' jiġi evitat.
- → Il-ħela tal-ikel minħabba kanċellazzjonijiet tal-aħħar minuta tista' tiġi evitata jekk ikun hemm fis-seħħ regolamenti u oqfsa aktar komprensivi li jappoġġaw lill-produtturi ż-żgħar.

### Noti addizzjonali

Influwenza pożittiva fuq is-sigurtà u s-saħħa tal-ikel.

L-enfasi tal-importanza li din ir-rakkomandazzjoni tiġi kkombinata ma' inizjattivi oħrajn li jiffukaw fuq l-imġiba tal-konsumatur, is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-edukazzjoni biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati u jittejjeb il-fehim ġenerali tal-ħela tal-ikel u r-relazzjoni tagħha mal-produzzjoni lokali tal-ikel.

Sfidi:

- → Kompromess mal-prinċipju tal-UE dwar il-kummerċ ħieles u s-suq ħieles, għalhekk tista' tiġi opposta minn korporazzjonijiet/bejjiegħa bl-imnut kbar u minn gruppi ta' lobbisti.
- → Huwa importanti li jiġi kkunsidrat u diskuss dak li huwa "lokali" u dak li huwa "katina tal-provvista qasira" meta ssir ħidma ulterjuri b'din ir-rakkomandazzjoni, peress li ma hemm l-ebda definizzjoni komuni għal dan fil-livell tal-UE.
- → L-istaġunalità tal-prodotti u d-domanda tal-konsumaturi jistgħu jikkontestaw provvista potenzjalment limitata minħabba l-enfasi fuq l-ikel minn katina tal-ikel qasira.

## RAKKOMANDAZZJONI 2

### Togħmiet lokali: L-appoġġ pubbliku u privat għall-biedja lokali biex titnaqqas il-ħela tal-ikel

Aħna nirrakkomandaw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jappoġġaw lill-bdiewa lokali b'soluzzjonijiet u b'inizjattivi prattiċi mmirati lejn it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel. L-għan huwa li l-partijiet ikkonċernati jiġu mħeġġa jikkooperaw aktar mill-qrib biex imexxu dawn l-inizjattivi u b'hekk joħolqu sistema alimentari sostenibbli li tkun ta' benefiċċju kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-konsumaturi.

Huma ssuġġeriti diversi inizjattivi biex jinbdew mill-awtoritajiet lokali:

1. Eżenzjonijiet mit-taxxa u sussidji għal bdiewa fuq skala żgħira.
2. Appoġġ lill-bdiewa lokali biex isibu swieq ġodda fejn jistgħu jiġu protetti minn relazzjonijiet ta' poter inġusti mal-bejjiegħa bl-imnut, pereżempju billi jiġu allokati spazji pubbliċi għall-bejgħ.
3. Inkoraġġiment ta' proċessi u inizjattivi inklużivi mal-partijiet ikkonċernati tal-katina tal-valur għall-ħidma relatata mal-ħela tal-ikel, pereżempju billi jiġi promoss l-użu ta' "apps tal-ħela tal-ikel" f'belt.
4. Appoġġ lill-assoċjazzjonijiet u lil atturi oħrajn li qed jappoġġaw lill-bdiewa lokali fi kwistjonijiet ta' ħela tal-ikel, bħal banek tal-ikel.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

L-appoġġ lill-produtturi fuq skala żgħira u l-bejgħ tagħhom fil-qrib għandu potenzjal għoli li jnaqqas il-ħela tal-ikel b'diversi modi, kemm tul il-katina tal-valur kif ukoll fl-unitajiet domestiċi:

- → Meta t-trasport tal-ikel ikun twil u s-supermarkets jippruvaw ikunu kosteffiċjenti billi jżidu l-volumi, x'aktarx li jkun hemm ħela tal-ikel.
- → Il-produtturi lokali jistgħu jirrispondu aktar malajr għall-bidliet fid-domanda, u jkunu aktar adattabbli għall-bidliet, li jistgħu jnaqqsu l-ħela.
- → L-ikel mill-produtturi lokali spiss ikun ta' kwalità ogħla u jservi aktar, li jfisser li t-tqassir tal-katina tal-valur inaqqas il-ħela kemm fil-livell tat-trasport kif ukoll f'dak ta' unità domestika.

### Noti addizzjonali

L-enfasi tal-importanza li din ir-rakkomandazzjoni tiġi kkombinata ma' inizjattivi oħrajn li jiffukaw fuq l-imġiba tal-konsumatur, is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-edukazzjoni biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati u jittejjeb il-fehim ġenerali tal-ħela tal-ikel u r-relazzjoni tagħha mal-produzzjoni lokali tal-ikel.

Sfidi ewlenin

- → Ambitu kbir u kumplessità tar-rakkomandazzjoni. Se jieħu ż-żmien biex jiġu analizzati u implimentati ħafna mill-inizjattivi ssuġġeriti, u jirrikjedu sistemi ta' monitoraġġ solidi.
- → Kompromess mal-prinċipju tal-UE dwar il-kummerċ ħieles u s-suq ħieles li jista' jikkontesta l-inizjattiva u l-aċċettazzjoni tagħha minn partijiet ikkonċernati differenti.

## RAKKOMANDAZZJONI 3

### Qassam, taħlix!

Aħna nirrakkomandaw li l-banek tal-ikel, u r-ridistributuri b'mod ġenerali, għandhom jiġu appoġġati finanzjarjament f'livell bażiku mill-gvernijiet permezz ta' skema strutturali komuni madwar l-Ewropa, minflok ma jaħdmu primarjament b'donazzjonijiet privati (iżda mhux 100 % iffinanzjati, biex ma jsirux negozju). Aħna nirrakkomandaw ukoll pjattaforma li tgħaqqad id-diversi applikazzjonijiet eżistenti li jgħaqqdu lill-bejjiegħa bl-imnut mal-banek tal-ikel. Il-pjattaforma għandha tkun faċli għall-utent, effiċjenti, u ġestita ċentralment. Aħna nirrakkomandaw ukoll li l-ikel li jiġi rridistribwit (mogħti jew mibjugħ bi prezz aktar baxx) mill-bejjiegħa bl-imnut lill-banek tal-ikel jingħata f'ħin tajjeb u f'kundizzjoni tajba, preferibbilment bejn 3 u 5 ijiem qabel ma jeħżien (aktar milli l-linja gwida kurrenti ta' 48 siegħa). L-inċentiv biex isir dan jista' jkun tnaqqis fit-taxxa għall-bejjiegħa bl-imnut, li tonqos aktar ma tkun qrib ir-ridistribuzzjoni għad-data ta' skadenza tal-prodotti. Huma jridu jagħtu ammont minimu ta' ikel biex ikunu eliġibbli għal dan it-tnaqqis.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

Peress li l-ħela tal-ikel ma tistax tiġi evitata kompletament fis-sistema kurrenti, tal-anqas għandna naħdmu biex insalvaw l-ikel li jinħela. F'dan il-kuntest, għandna nużaw l-għodod kollha diġà disponibbli (banek tal-ikel, applikazzjonijiet, assoċjazzjonijiet rilevanti, inizjattivi, eċċ.)

### Noti addizzjonali

Sfida hija kif tista' tissaħħaħ il-kapaċità tal-banek tal-ikel mingħajr ma dawn jinbidlu f'industrija tan-negozju (għaliex minflok nixtiequ nimmaniġġaw il-ħela tal-ikel upstream).

## RAKKOMANDAZZJONI 4

### Il-kondiviżjoni tad-*data* u l-aħjar prattiki madwar l-Ewropa

Aħna nirrakkomandaw li l-gvernijiet f'kull pajjiż jikkondividu d-*data* u l-aħjar prattiki tagħhom dwar azzjonijiet biex jimmiraw il-passi kollha tal-katina tal-ħela tal-ikel, mill-produtturi sal-konsumaturi, mal-pjattaforma tal-Kummissjoni Ewropea għall-ħela tal-ikel (Pjattaforma tal-UE dwar it-Telf u l-Ħela tal-Ikel). Din l-informazzjoni mbagħad tiġi ġestita u analizzata minn kumitat speċjali ta' riċerkaturi tal-UE li jaħdem biex jippromwovi l-prattiki tajbin u jagħmilhom faċilment aċċessibbli. Id-*data* dwar il-prattiki tajbin għandha tiġi kkategorizzata skont it-tipi ta' produzzjoni u t-tipi ta' konsum. Barra minn hekk, irridu nippromwovu network ta' bliet/reġjuni li jaċċessaw id-*data* u jużaw il-prattiki li jaħdmu l-aħjar għalihom, abbażi ta' xejriet simili ta' konsum u produzzjoni. In-network huwa stabbilit biex dawn il-lokalitajiet jitgħallmu minn xulxin abbażi ta' dawn is-similaritajiet. Il-kunċett ta' "bliet tewmin" jista' jiġi applikat għal dan il-għan: bliet bi kwistjonijiet simili dwar il-ħela tal-ikel jaħdmu flimkien biex isolvuhom.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

L-aħjar prattiki jistgħu jiġu kondiviżi b'mod aktar effiċjenti u konsistenti. Barra minn hekk, dan juża kemm il-Pjattaforma tal-UE dwar it-Telf u l-Ħela tal-Ikel, il-Eurocities u l-kunċett ta' "bliet tewmin". Irridu nagħtu s-setgħa lill-kollaborazzjoni tal-bliet u r-reġjuni madwar l-Ewropa.

### Noti addizzjonali

## RAKKOMANDAZZJONI 5

### Il-ġbir tad-*data* tul il-katina tal-provvista tal-ikel

Aħna nirrakkomandaw li d-*data* dwar kif, fejn, min, għaliex, u meta sseħħ il-ħela tal-ikel tul il-katina tal-provvista tal-ikel tinġabar minn korp tal-UE jew minn aġenziji jew minn istituzzjonijiet ta' riċerka oħrajn. Dan jista' jsir permezz ta':

1. Imġiba individwali tal-konsumatur permezz tal-kejl b'applikazzjoni.
2. Ġbir ta' *data* wiċċ imb wiċċ, permezz tal-istħarriġ tal-Ewrobarometru.
3. Stħarriġ mibgħut lill-iskejjel u lil organizzazzjonijiet edukattivi oħrajn. Jista' jkun qabel/wara intervent fl-iskejjel immirat lejn il-ħela tal-ikel.
4. L-użu ta' ċittadini tal-panel taċ-ċittadini bħala koorti rappreżentattiv għal finijiet ta' riċerka.
5. L-istudju permezz ta' żamma ta' rekords kuljum dwar l-imġiba tal-konsumatur jista' jkun studju ta' intervent. Ispirazzjoni mill-pannelli tal-iskennjar tal-konsumaturi ta' BE/NE (il-Belġju u n-Netherlands).
6. L-użu ta' miżuri vvalidati xjentifikament mill-universitajiet.
7. Studji ta' osservazzjoni – li jistudjaw speċifikament l-ammonti effettivi ta' ħela billi jużaw il-proċessi eżistenti tal-immaniġġar tal-ħela tal-ibliet u tal-muniċipalitajiet.
8. Il-ġbir u t-tqabbil ta' fatturi mill-interazzjonijiet bejn is-supermarkets u l-bdiewa.
9. Standardizzazzjoni tal-formoli għar-rapportar tal-ħela.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

Aħna nirrakkomandaw dan għaliex jekk inkunu nafu fejn, meta, u għaliex qed naħlu l-ikel, nistgħu nniedu kampanji ta' sensibilizzazzjoni aktar immirati, u nipprovdu għarfien dettaljat dwar fejn jista' jkollna l-akbar impatt fuq it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel. Il-grupp tagħna jemmen li permezz tal-ġbir ta' *data* aktar akkurata dwar fejn jinħela eżattament l-ikel fil-katina alimentari, imbagħad inkunu nistgħu nindirizzaw is-soluzzjonijiet tagħna għall-ħela tal-ikel b'mod aktar effettiv. Il-metodoloġija komuni kurrenti għall-ġbir tad-*data* tal-UE dwar il-ħela tal-ikel (kif definita mid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/1597) tiffoka fuq il-kejl tal-ammont ta' ħela, filwaqt li l-għan tal-proposta tagħna huwa li tinġabar *data* aktar dettaljata dwar il-min, il-meta u l-fejn tal-ħela tal-ikel. Dawn il-proġetti/inizjattivi addizzjonali għall-ġbir tad-*data* jistgħu jintużaw biex jissupplimentaw id-*data* kwantitattiva miġbura fir-rapportar annwali l-ġdid mill-Istati Membri. Dawn jipprovdu *data* aktar speċifika dwar "xiex, kif, min, meta u fejn" tal-ħela tal-ikel.

### Noti addizzjonali

**Noti dwar id-*data* li nixtiequ li tinġabar:** Għandna niġbru *data* dwar "xiex, kif, min, meta u fejn" tal-ħela tal-ikel. **Xiex/Meta:** X'ikel qed naħlu u f'liema ċirkostanzi? X'inhuma eżattament jarmu n-nies - kemm fadal grammi fuq il-platt? *Data* dwar kemm nixtru meta mqabbel ma' kemm narmu. **Kif:** Kif jinħela - jintrema? Huwa msajjar tard wisq/ħżien/skada? Xtrajna wisq? Jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll differenzi kulturali. **Min:** Min fil-katina tal-provvista jaħli l-ikel - id-distributuri, il-konsumaturi, eċċ? Fil-livell tal-konsumatur, hemm disaggregazzjoni ta' liema konsumaturi qed jaħlu l-aktar ikel - dan jista' jkun marbut mal-età jew mal-pajjiż? (Nota: in-nies se jkunu jridu jipprovdu din id-*data*?).

Relatata mal-punt 5): L-isem tal-kumpanija li qed nieħdu ispirazzjoni minnha hi Growth for Knowledge/GFK.

Il-grupp jemmen li r-rispett tal-privatezza u tad-*data* personali taċ-ċittadini Ewropej huwa importanti ħafna. Kwalunkwe studju mwettaq abbażi tar-rakkomandazzjoni tagħna għandu jirrispetta dan.

## RAKKOMANDAZZJONI 6

### Il-vuċi taċ-ċittadini hija importanti: Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-politika Ewropea dwar l-ikel

Filwaqt li nibnu fuq il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u l-Panel taċ-Ċittadini tal-UE dwar il-Ħela tal-Ikel kurrenti, aħna nirrakkomandaw l-istabbiliment ta' fora ta' involviment taċ-ċittadini lokali u nazzjonali. Dawn il-fora jingħataw il-kompitu li jsegwu, jimmonitorjaw u joffru pariri dwar l-istrateġiji nazzjonali għall-implimentazzjoni tad-direttivi tal-UE dwar it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel mill-perspettiva taċ-ċittadini. Aħna nirrakkomandaw ukoll li l-Pjattaforma tal-UE dwar il-Ħela tal-Ikel għandha tinkludi r-rappreżentanza u l-involviment taċ-ċittadini li jikkoordinaw l-iskambji bejn il-fora ta' involviment. Kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, il-fora għandhom joffru pjattaforma għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u għall-apprendiment reċiproku bejn iċ-ċittadini/il-konsumaturi, il-partijiet ikkonċernati, u dawk li jfasslu l-politika.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

Aħna noffru din ir-rakkomandazzjoni minħabba li huwa importanti li tingħata vuċi liċ-ċittadini, li jiġi żgurat proċess ġust u trasparenti, u li ċ-ċittadini u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jitħallew jikkoordinaw u jitgħallmu minn xulxin. Iċ-ċittadini huma esperti ta' ħajjithom stess, u l-perspettivi tagħhom iridu jiġu kkunsidrati fil-livell lokali, nazzjonali u tal-UE.

### Noti addizzjonali

## RAKKOMANDAZZJONI 7

### Maqtugħ frisk: Il-valur tal-ikel staġunali

Aħna nirrakkomandaw bidla fid-drawwiet tal-konsumatur billi ninfurmaw lill-konsumaturi dwar il-valur tal-ikel staġunali. Dan għandu jsir permezz ta' sinjali ċari fi ħwienet li jippermettu lill-konsumaturi jidentifikaw b'mod ċar il-prodotti staġunali. L-informazzjoni dwar l-istaġunalità għandha tiġi kkomunikata wkoll lil udjenza wiesgħa permezz ta' kampanji ta' informazzjoni pubblika. L-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi permezz ta' sinjali fuq l-ixkafef u kampanji jista' jagħti inċentiv lill-produtturi biex ikabbru l-prodotti staġunali. Aħna nirrakkomandaw ukoll il-produzzjoni ta' *data* aħjar dwar l-aktar metodi effettivi għall-inċentivar tal-produzzjoni tal-prodotti staġunali u l-limitazzjoni tal-importazzjoni ta' ikel mhux staġunali ta' kwalità baxxa.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

Aħna nipproponu din ir-rakkomandazzjoni minħabba li l-ikel mhux staġunali spiss jiġi importat u/jew ikun ta' kwalità agħar mill-ikel staġunali. Il-prodotti ta' kwalità ogħla jistgħu jħallu impatt fuq l-imġiba tal-konsumatur, peress li għandna t-tendenza li nivvalutaw aktar l-ikel ta' kwalità ogħla, u b'hekk naħlu inqas.

### Noti addizzjonali

# BLOKKA TEMATIKA II — INIZJATTIVI FIN-NEGOZJU TAL-IKEL

## RAKKOMANDAZZJONI 8

### Network tal-iskambju tal-ikel fl-UE kollha

Aħna nirrakkomandaw li d-distributuri ewlenin jiġu konnessi direttament permezz ta' reġistru fuq sit web tal-UE kollha li jippermetti l-iskambju ta' ikel li se jiskadi dalwaqt jew żejjed. Il-paġna web tipprevjeni l-ħela tal-ikel billi tippermetti komunikazzjoni bejn il-livelli (ara hawn taħt) u l-unità settorjali li jmiss fil-katina tal-provvista. In-negozji jistgħu jirreġistraw u joffru jew jixtru ikel żejjed bi prezz aktar baxx. Ikun hemm tliet livelli:

1. L-ewwel livell ikun jikkonsisti minn produtturi, bdiewa u distributuri.
2. It-tieni livell jinkorpora s-supermarkets, il-banek tal-ikel u l-kċejjen komunitarji.
3. It-tielet livell jinkludi l-konsumaturi u l-unitajiet domestiċi.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

### Noti addizzjonali

## RAKKOMANDAZZJONI 9

### Xiri ppjanat u ridistribuzzjoni

Aħna nirrakkomandaw l-iżvilupp ta' qafas legali biex tiġi armonizzata l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar il-prattiki għall-katina tal-provvista kollha fir-rigward tar-ridistribuzzjoni ta' ikel żejjed u li se jiskadi dalwaqt, filwaqt li jitqiesu r-regolamenti dwar is-sikurezza u t-tbassir tad-*data*. Ix-xiri għandu jiġi aġġustat għal dak li se jinbiegħ. Is-supermarkets u l-fornituri jistgħu jiġu inċentivati b'benefiċċji (pereżempju, permezz ta' tnaqqis fit-taxxa) għall-bejgħ bi prezz aktar baxx jew għall-għoti ta' donazzjoni.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

### Noti addizzjonali

## RAKKOMANDAZZJONI 10

### Ir-ristoranti jappoġġaw il-kunċett "gawdi mingħajr ma taħli"

Aħna nirrakkomandaw lill-istituzzjonijiet Ewropej il-pjan li ġej biex titnaqqas il-ħela tal-ikel fir-ristoranti. Ladarba jiġu ssodisfati ċerti kriterji ta' kwalità (bħal dawk deskritti hawn taħt u xi oħrajn), it-tipi kollha ta' ristoranti għandhom jitħallew juru logo (li huwa armonizzat madwar l-UE). Il-logo jirreklama l-possibbiltà li jittieħed id-dar l-ikel li ma jittikilx u l-wejters għandhom jipprovdu kontenituri għall-ikel biex jittieħed id-dar. Dawk ir-ristoranti li jimplimentaw il-pjan tal-logo jiktbu fuq il-menus tagħhom test addizzjonali li jiddikjara "tista' tieħu d-dar l-ikel li ma tikolx hawn". Jekk ikun għad fadal ikel imsajjar lest, dan għandu jiġi offrut lill-impjegati. Jekk ikun hemm fdalijiet ta' ikel mhux proċessat mill-kċina, dawn għandhom jiġu offruti lill-Banek tal-Ikel/lil istituzzjonijiet oħrajn tal-karità.

Jekk l-ikel ma jkunx tajjeb għall-ikel, dan għandu jintuża għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Sabiex ir-ristoranti jiġu mħeġġa jissodisfaw dawn il-kriterji ta' kwalità (jew kriterji ta' kwalità oħrajn), għandu jingħata appoġġ finanzjarju lir-ristoranti biex iwettqu dan il-pjan. Eżenzjoni mit-taxxa tista' sservi bħala inċentiv finanzjarju u tista' tingħata għajnuna addizzjonali. Peress li l-fdalijiet mill-kċejjen jistgħu jintiżnu jew jitkejlu, dawn jistgħu jiġu mmonitorjati u kkunsidrati għat-tnaqqis tat-taxxa.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

Aħna nirrakkomandaw dan minħabba li jnaqqas il-ħela tal-ikel li ġejja mir-ristoranti u jnaqqas b'mod sinifikanti l-effett ta' mistħija li jista' jkun hemm meta jintalbu biex jittieħdu l-fdalijiet id-dar. Jekk ir-ristoranti jaġixxu bħala mudelli, l-unitajiet domestiċi privati se jiġu mħeġġa jnaqqsu wkoll il-ħela tal-ikel.

### Noti addizzjonali

## RAKKOMANDAZZJONI 11

### Il-ħela kollha għandha piż

Aħna nirrakkomandaw li l-organizzazzjonijiet inkarigati mill-ġestjoni tal-iskart ikunu obbligati jiżnu jew ikejlu l-iskart organiku. Fuq medda qasira ta' żmien, il-pjan għandu jiffoka fuq l-istituzzjonijiet pubbliċi (eż. l-iskejjel u l-isptarijiet), il-viċinati jew id-distretti sħaħ, u fit-tul, għandu jinkludi wkoll unitajiet domestiċi privati. Ir-rappreżentanti ta' dawn l-istituzzjonijiet/distretti u, fi stadju aktar tard, l-unitajiet domestiċi privati għandhom jirċievu regolarment rapporti u tqabbil ma' perjodi preċedenti u tqabbil ma' entitajiet oħrajn. Dan iwassal għal aktar sensibilizzazzjoni u huwa inċentiv biex titnaqqas il-ħela tal-ikel. Dan ma għandux għalfejn jitkejjel bl-istess mod fil-pajjiżi kollha, huwa biżżejjed jekk ikun komparabbli f'pajjiż rispettiv.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

Aħna nirrakkomandaw dan minħabba li dan iżid is-sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi. Dan iservi wkoll bħala inċentiv biex ikun hemm titjib u titnaqqas il-ħela tal-ikel. Ir-riżultati tar-rakkomandazzjoni jistgħu jitkejlu fuq medda qasira u twila ta' żmien, u jipprovdu xi motivazzjoni biex titnaqqas il-ħela tal-ikel.

### Noti addizzjonali

## RAKKOMANDAZZJONI 12

### Sistema ta' rapportar obbligatorju għat-trasparenza abbinata ma' penali u premjijiet

Aħna nirrakkomandaw li tiġi stabbilita sistema ta' rapportar (simili b'mod partikolari għaċ-ċertifikazzjoni tal-ISO) biex jiġu stabbiliti standards speċifiċi fil-katina tal-valur kollha inklużi l-produtturi, il-manifatturi, il-bejjiegħa bl-imnut, is-supermarkets, ir-ristoranti, u l-lukandi. Din għandha tiddistingwi bejn intrapriżi kbar u żgħar/ta' daqs medju (SMEs) abbażi ta' kategoriji eżistenti biex jiġu kklassifikati d-daqsijiet tal-kumpaniji. Għandu jkun hemm penali jekk l-istandards jinkisru u premjijiet jekk il-kumpaniji jmorru aħjar. Għandu jkun hemm sistema ta' multi relattivi proporzjonali għall-gravità tar-reat u d-daqs tal-kumpanija. Il-premjijiet għandhom ikunu bbażati primarjament fuq sistema ta' tikketti, pereżempju, gradi ABC, jew inċentivi potenzjalment finanzjarji, speċjalment għall-SMEs. Awdituri indipendenti u esterni jridu jingħataw il-kompitu li jirrapportaw, mhux il-kumpaniji. L-awtoritajiet pubbliċi fil-livell tal-Istat Membru (eż. ministeri jew korpi regolatorji) huma responsabbli biex jiżguraw l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ. Id-*data* għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku u għandha tippermetti apprendiment bejn il-pari. Il-Kummissjoni għandu jkollha funzjoni ta' sorveljanza u koordinazzjoni.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

Huwa importanti għal finijiet ta' trasparenza li d-*data* tat-tikketti tkun disponibbli u aċċessibbli għal persuni li jixtiequ aktar informazzjoni milli tikketta biss.

### Noti addizzjonali

## RAKKOMANDAZZJONI 13

### Leġiżlazzjoni għall-UE kollha dwar il-qerda tal-prodotti tal-ikel mhux mibjugħa — approċċ ta' apprendiment bejn il-pari madwar l-Istati Membri

Irid jiġi żgurat li l-prodotti tal-ikel jintużaw f'fażijiet differenti qabel ma jintremew. Il-prijorità hija li tiġi evitata l-ħela tal-ikel, iżda jekk mhux possibbli, japplika ċ-ċiklu li ġej: il-konsum mill-bniedem, il-konsum mill-annimali, bijofjuwil u kompostjar. L-Istati Membri huma responsabbli għall-fatt li l-infrastruttura meħtieġa tkun fis-seħħ biex tkun tista' tiġi implimentata. L-UE tistabbilixxi għan ġenerali biex titnaqqas il-ħela tal-ikel b'ċertu perċentwal. L-Istati Membri jistabbilixxu standards nazzjonali sabiex l-għan tal-UE jintlaħaq b'mod kollettiv. L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw miżuri volontarji jew obbligatorji biex il-kumpaniji jikkonformaw magħhom. It-tnaqqis jeħtieġ li jkun kwantifikabbli. Wara fażi pilota li tiffoka fuq is-supermarkets, u aġġustamenti bbażati fuq l-apprendiment bejn il-pari, l-aħjar prattika għandha tkun linja gwida għall-Istati Membri kollha.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

L-eżempju Franċiż ma jaħdimx, u għalhekk għandna bżonn soluzzjoni aħjar, pereżempju pjattaforma bħal fil-Finlandja, fejn il-kumpaniji jistgħu jtellgħu ikel li kieku jintrema. Jeħtieġ li tinżamm liġi ġenerali li tipprojbixxi l-ħela tal-ikel biex jitqiesu l-kulturi diverġenti tal-Istati Membri.

### Noti addizzjonali

## RAKKOMANDAZZJONI 14

### It-trasparenza dwar il-ħela tal-ikel għall-viżibbiltà u l-azzjoni

Aħna nirrakkomandaw li l-parteċipanti kollha fil-katina tal-provvista tal-ikel, minbarra l-unitajiet domestiċi individwali, għandu jkollhom obbligu li jkejlu u jirrapportaw b'mod trasparenti dwar it-trattament tal-ħela tal-ikel u l-ġestjoni tagħha. Għandu jkun hemm ukoll aktar enfasi fuq il-ħtieġa għal għażliet ġodda għall-ġbir tad-*data* kif ukoll l-inklużjoni tat-telf tal-ikel fis-settur agrikolu.

Barra minn hekk, għandhom isegwu inċentivi differenzjati għall-promozzjoni ta' ftehimiet volontarji biex jappoġġaw lill-istituzzjonijiet biex jaqdu rwol ta' pijunier. Barra minn hekk, il-miżuri korrettivi jikkontribwixxu għall-importanza, immirata lejn l-inklużjoni tal-parteċipanti kollha fil-katina tal-provvista tal-ikel (minbarra l-unitajiet domestiċi individwali).

L-UE għandha tagħmel evalwazzjoni tal-aħjar prattiki tal-Istati Membri differenti dwar l-istrutturi u l-inċentivi ta' rapportar eżistenti tagħhom kif ukoll miżuri korrettivi. Dan jgħin biex jiġi stabbilit qafas integrat ieħor għall-UE biex id-*data* ssir aktar komparabbli.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

Aħna nirrakkomandaw dan minħabba li s-sensibilizzazzjoni dwar il-ħela tal-ikel eżistenti hija l-bażi biex jiġu applikati aktar approċċi, bħal inċentivi, ftehimiet volontarji innovattivi, u mekkaniżmi korrettivi biex tiġi evitata l-ħela tal-ikel.

### Noti addizzjonali

Bħala eżempju ta' inċentivi, tista' tintuża teknika ta' tikkettar madwar l-UE kollha biex tibbenefika minn strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni. Eżempju ieħor jista' jkun kumpens finanzjarju xieraq għat-tnaqqis tal-ħela tal-ikel.

## RAKKOMANDAZZJONI 15

### L-innovazzjoni fl-imballaġġ u l-użu tal-imballaġġ meta jkun meħtieġ

Aħna nirrakkomandaw li jsir aktar investiment fir-riċerka xjentifika dwar modi sostenibbli innovattivi u alternattivi ta' imballaġġ. Dan jgħin biex tiżdied il-ħajja, jittejjeb id-daqs tal-pakkett biex titnaqqas il-ħela tal-ikel, u tiġi żgurata sikurezza tal-ikel aħjar għat-trasport tiegħu. L-UE għandha tappoġġa dan finanzjarjament u politikament permezz ta' programmi xierqa, bħall-finanzjament ta' negozji ġodda u forzi innovattivi iżgħar. Barra minn hekk, aħna nirrakkomandaw li jiġu appoġġati l-bejjiegħa bl-imnut biex ibigħu l-ikel mingħajr imballaġġ, fejn ikun possibbli, mingħajr ma tiġi kompromessa s-sikurezza tal-ikel.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

Aħna nirrakkomandaw dan minħabba li xorta waħda għadna nibbażaw ħafna fuq l-imballaġġ, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasport u s-sikurezza tal-ikel. Għalhekk, aħna nemmnu li l-appoġġ għall-innovazzjonijiet (riċerka/negozji ġodda) f'imballaġġ li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent jista' jikkontribwixxi għal dan. Minn naħa waħda, l-aġġustament tad-daqsijiet tal-imballaġġ tal-ikel li jitħassar inaqqas il-ħela tal-ikel, filwaqt li jitqies ir-riskju ta' żieda fl-iskart mill-imballaġġ (fejn ir-riċerka msemmija hawn fuq, għandu jkollha l-għan li tipprevjeni dan). Min-naħa l-oħra, għandhom jiġu offruti l-porzjonijiet individwali, fejn wieħed jista' jġib il-kontenitur tiegħu stess (ukoll biex titnaqqas il-ħela tal-ikel, kif ukoll l-iskart ta' tipi oħrajn). Jekk niżviluppaw struttura ta' imballaġġ li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u l-infrastruttura tiegħu tiġi adattata, fl-aħħar mill-aħħar, tista' tinkiseb l-aċċettazzjoni tal-konsumatur.

### Noti addizzjonali

# BLOKKA TEMATIKA III — APPOĠĠ GĦALL-BIDLA FL-IMĠIBA TAL-KONSUMATUR

## RAKKOMANDAZZJONI 16

### It-twessigħ tad-definizzjoni ta' ħela tal-ikel sabiex jiġi salvat ikel mhux maħsud

Aħna nirrakkomandaw li l-ikel mhux maħsud għandu jiġi integrat fid-definizzjoni Ewropea tal-ħela tal-ikel. Aħna rridu wkoll li l-bdiewa jkollhom il-possibbiltà li jikkummerċjalizzaw prodotti li ma humiex perfetti iżda li għadhom tajbin għall-ikel. Sabiex jiġi evitat it-telf tal-ikel, il-bdiewa għandu jkollhom sinjali li jħabbru li l-ikel mhux maħsud jista' jinħasad minn unitajiet domestiċi privati u minn NGOs.

Din l-idea trid tiġi kkomunikata lil żewġ gruppi:

- liċ-ċittadini permezz tal-kampanja li hija żviluppata fir-rakkomandazzjoni 20
- lill-bdiewa permezz tal-ministeri tal-Istati Membri għall-agrikoltura. Dawn tal-aħħar għandhom jimplimentaw din ir-rakkomandazzjoni f'koordinazzjoni mal-muniċipalitajiet lokali u mal-unions tal-produtturi.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

Aħna nirrakkomandaw dan minħabba li ma huwiex raġonevoli li jintrema ikel li hu tajjeb biex jittiekel. Il-ħsad dirett jgħin biex jiġi rikonoxxut ix-xogħol li l-bdiewa jagħmlu u jiġi apprezzat l-ikel li jipproduċu.

### Noti addizzjonali

Sfida hija li ma rridux li nagħtu t-tort lill-bdiewa.

## RAKKOMANDAZZJONI 17

### L-inkoraġġiment tal-adulti biex l-azzjoni dwar il-ħela tal-ikel tingħata prijorità

Aħna nirrakkomandaw li kull Stat Membru għandu jimplimenta programm għall-adulti biex tinħoloq sensibilizzazzjoni u għarfien dwar il-kost tal-ħela tal-ikel u l-benefiċċji tal-prevenzjoni tagħha fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali.

Dan għandu jkun ibbażat fuq l-aħjar *data* disponibbli (rakkomandazzjoni 5) biex tiġi enfasizzata l-urġenza tal-problema. Dan għandu jinkludi apps (rakkomandazzjoni 18), kampanji (rakkomandazzjoni 4 u 20), aktar edukazzjoni u taħriġ għal persuni li jaħdmu fl-industrija tal-ikel, programmi ta' taħriġ intern għall-professjonisti kif ukoll dokumentarji u programmi tat-televiżjoni dwar is-suġġett. Xi possibbiltajiet jistgħu jkunu reklami qosra li juru l-benefiċċju tal-użu mill-ġdid tal-ikel, il-promozzjoni tal-Ħadd bħala l-jum tal-ikel li jkun fadal, u l-ħolqien ta' programmi ta' logħob b'kompetizzjonijiet tat-tisjir għall-adulti żgħażagħ biex ikunu nvoluti x-xandara.

Huwa importanti li n-nies jiġu informati, permezz ta' messaġġi sempliċi jew nudges, dwar il-benefiċċji ekonomiċi u ambjentali tan-nuqqas ta' ħela tal-ikel.

Kontributur ewlieni għat-tixrid tal-informazzjoni jista' jkun il-media, speċjalment l-istazzjonijiet tar-radju u t-televiżjoni tas-servizz pubbliku, il-media stampata, il-media soċjali, l-istituzzjonijiet pubbliċi, il-mużewijiet, u bejjiegħa bl-imnut. L-istituzzjonijiet eżistenti tal-UE jistgħu jiżviluppaw riżorsi biex jappoġġaw lill-Istati Membri (pereżempju, id-Dar tal-Istorja Ewropea).

### Raġuni/ġustifikazzjoni

Aħna nirrakkomandaw dan minħabba li rakkomandazzjonijiet oħrajn jittrattaw l-edukazzjoni tat-tfal, iżda neħtieġu wkoll azzjonijiet li għandhom effett immedjat fuq terminu qasir fuq il-ġenerazzjoni kurrenti li tixtri u ssajjar.

### Noti addizzjonali

Benefiċċju huwa li nudges kontra l-ħela tal-ikel użati fis-supermarkets se jibbilanċjaw il-kummerċjalizzazzjoni li tipperswadi lin-nies jixtru wisq.

## RAKKOMANDAZZJONI 18

### Is-sensibilizzazzjoni dwar in-nutrizzjoni u l-ikel sostenibbli fl-iskejjel primarji u sekondarji

Aħna nirrakkomandaw l-inklużjoni tas-suġġetti ta' ikel u nutrizzjoni sostenibbli fil-kurrikuli tal-iskejjel primarji u sekondarji, jew permezz tal-ħolqien ta' korsijiet indipendenti obbligatorji ġodda, peress li diġà jeżistu f'xi pajjiżi, u/jew l-inklużjoni tagħhom f'suġġetti obbligatorji eżistenti. Din ir-rakkomandazzjoni għandha l-għan li żżid l-għarfien tal-istudenti dwar il-ħela tal-ikel permezz ta' diskussjonijiet dwar il-valuri soċjoekonomiċi, il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, l-imġiba tax-xiri, l-ekonomija tal-unitajiet domestiċi, u esperjenzi prattiċi li jqarrbu l-iskejjel u l-farms. Biex din ir-rakkomandazzjoni ssir realtà, hemm żewġ prekundizzjonijiet li nistennew li l-UE tadotta. L-ewwel nett, neħtieġu kampanja ta' sensibilizzazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati biex jinħoloq u jiżdied ir-ritmu fir-rigward tas-suġġett (rakkomandazzjoni 20). It-tieni, jeħtieġ li nappoġġaw lill-għalliema permezz ta' taħriġ, u skambji u materjali pedagoġiċi, filwaqt li nikkapitalizzaw fuq in-networks eżistenti u l-aħjar prattiki ppruvati. Filwaqt li nirrikonoxxu li dawn il-bidliet jistgħu jieħdu ż-żmien biex jiġu implimentati, huwa importanti li diġà jiġu organizzati jiem jew ġimgħat ta' azzjoni dwar is-suġġett tal-ħela tal-ikel fl-iskejjel, bil-mobilizzazzjoni ta' atturi differenti tas-soċjetà (rakkomandazzjoni 21).

#### Raġuni/ġustifikazzjoni

Il-ħela tal-ikel hija s-sintomu ta' kwistjonijiet sistemiċi usa' li huma relatati ma' kif nipproduċu, nixtru u nikkunsmaw l-ikel illum fl-Ewropa, u għalhekk, kwalunkwe azzjoni pedagoġika jeħtieġ li tmur lil hinn mill-ħela tal-ikel, iżda tqis il-valuri u l-futuri mixtieqa għall-produzzjoni u l-konsum fl-Ewropa. L-edukazzjoni tibqa' kompetenza nazzjonali u kull Stat Membru għandu kurrikuli differenti. Aħna nirrikonoxxu dawn id-differenzi, filwaqt li nħeġġu lill-UE tippromwovi azzjonijiet ambizzjużi, b'suġġetti tal-iskejjel ġodda u/jew eżistenti bħall-ġeografija jew l-ekonomija.

#### Noti addizzjonali

## RAKKOMANDAZZJONI 19

### Il-promozzjoni u l-appoġġ ta' applikazzjonijiet u pjattaformi għall-kondiviżjoni tal-ikel li jlaqqgħu lill-konsumaturi ma' xulxin

Aħna nirrakkomandaw li l-UE tippromwovi u tappoġġa applikazzjonijiet u pjattaformi eżistenti, bħal Olio jew FoodSharing.de. L-għodod li għandhom jiġu promossi jridu jissodisfaw xi kriterji bażiċi u jiġu vvalutati kif xieraq: il-faċilità tal-użu, ir-rikkezza tal-bażi tad-*data*, l-indipendenza, l-adattabilità għall-kuntesti lokali, u l-impatt reali fuq it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel. L-awtoritajiet tal-UE, dawk nazzjonali u reġjonali jeħtieġ li jkunu proattivi fil-promozzjoni tagħhom tal-għodod u l-appoġġ eżistenti l-aktar promettenti, b'mod partikolari, iżda mhux biss finanzjarjament, l-iżvilupp u ż-żamma tagħhom permezz tal-programmi differenti tagħhom ta' riċerka, ta' azzjoni u ta' finanzjament. Il-finanzjament pubbliku għandu jinkoraġġixxi informazzjoni kwalitattiva u newtrali, mingħajr reklamar.

#### Raġuni/ġustifikazzjoni

Hemm ħafna applikazzjonijiet li jgħaqqdu atturi differenti, minn negozji għal konsumaturi, jew konsumaturi ma' konsumaturi. Xi wħud minn dawn l-għodod setgħu kienu ta' suċċess biex jgħaqqdu lill-konsumaturi ma' xulxin, u b'hekk jgħinuhom jiffrankaw l-ikel. Madankollu, jidher li għandhom kopertura ġeografika limitata jew ma humiex magħrufa biżżejjed mill-Ewropej. Aħna nemmnu li huwa importanti li l-UE u l-Istati Membri jappoġġaw b'mod attiv l-innovazzjonijiet teknoloġiċi b'impatt għoli, u jħallu l-bieb miftuħ għal ideat u innovazzjonijiet ġodda biex joħorġu u jsiru sostenibbli fit-tul.

#### Noti addizzjonali

## RAKKOMANDAZZJONI 20

## Taħlix l-ikel, iffranka l-flus: Kampanja Ewropea kontra l-ħela tal-ikel f'kooperazzjoni mal-bejjiegħa tal-ikel bl-imnut imqassma fuq erba' tmiem-il ġimgħa fis-sena

Aħna nirrakkomandaw li l-UE tikkoordina kampanja li tiffoka fuq il-ħwienet li jbigħu l-ikel (bejjiegħa tal-ikel bl-imnut, supermarkets, hypermarkets, ħwienet iżgħar) li għandha tintuża fl-Istati Membri. Din il-kampanja ssir fuq erba' tmiem-il ġimgħa kull sena, u tiffoka fuq is-suġġett "taħlix l-ikel, iffranka l-flus". Ikun f'idejn l-Istati Membri differenti li jiddeċiedu liema tmiem-il ġimgħa għandhom jintgħażlu. L-għażla tad-data għandha tkun ibbażata fuq l-objettiv li tinħoloq sensibilizzazzjoni dwar id-drawwiet tax-xiri tal-ikel (pereżempju madwar ċelebrazzjonijiet nazzjonali jew kulturali) u l-istaġunalità (pereżempju madwar iż-żmien tal-ħsad). Il-kampanja tkun inizjattiva mill-Unjoni Ewropea, li tiżviluppa disinn viżwali uniformi (l-istess logo, kodiċi tal-kulur, eċċ.) għall-Istati Membri kollha. Imbagħad, il-kampanja tiġi implimentata fil-livell nazzjonali u tiġi adattata abbażi tal-ispeċifiċitajiet ta' kull pajjiż, il-kalendarju annwali tagħhom, id-drawwiet tal-ikel, eċċ.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

Aħna nirrakkomandaw dan minħabba li huwa importanti li tinħoloq sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini dwar il-ħela tal-ikel. Hemm biss il-Jum Internazzjonali ta' Sensibilizzazzjoni dwar it-Telf tal-Ikel u t-Tnaqqis tal-Ħela, li ma huwiex magħruf fost iċ-ċittadini u jintilef fost l-ammont kbir ta' jiem internazzjonali oħrajn. L-avveniment il-ġdid jiġi estiż għal erba' darbiet fis-sena fi tmiem-il ġimgħa. Dan jiżviluppa l-viżibbiltà tal-kwistjoni fost iċ-ċittadini Ewropej, u l-forma ta' tmiem-il ġimgħa ripetuti matul is-sena tkun aktar utli minn jum wieħed. Dan ikun ukoll mod kif l-avveniment Ewropew jiġi ddifferenzjat minn jiem internazzjonali standard.

### Noti addizzjonali

- <u>Benefiċċju</u> wieħed tar-rakkomandazzjoni tagħna huwa li din tqajjem sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini Ewropej dwar ix-xiri, il-konsum u l-istaġunalità tal-ikel bħala modi biex tiġi evitata l-ħela tal-ikel. Kampanja organizzata madwar erba' tmiem-il ġimgħa fis-sena ġġib magħha r-regolarità fil-messaġġi mgħoddija liċ-ċittadini. Benefiċċju ieħor ikun l-inkoraġġiment tal-kooperazzjoni mal-bejjiegħa tal-ikel bl-imnut bħala parti minn din il-kampanja u l-inklużjoni tal-bejjiegħa tal-ikel bl-imnut fil-ġlieda kontra l-ħela tal-ikel.
- Fost l-<u>isfidi</u>, hemm il-kwistjoni ta' kif għandhom jiġu involuti l-bejjiegħa bl-imnut/ħwienet tal-ikel fl-avveniment. Minħabba li l-objettivi tal-bejjiegħa tal-ikel bl-imnut huma li jbigħu kemm jista' jkun, xi wħud jistgħu ma jkunux lesti li jħeġġu lin-nies jikkonsmaw inqas ikel jew jadottaw drawwiet differenti ta' konsum. Min-naħa l-oħra, l-objettiv ta' kwalunkwe ħanut, inklużi dawk li jbigħu l-ikel, huwa li jiġġenera profitti, għalhekk jistgħu jikkunsidraw l-avveniment bħala strateġija biex tiġi żviluppata immaġni tajba bħala atturi fil-ġlieda kontra l-ħela tal-ikel. Sfida oħra tikkonċerna l-karatteristiċi speċifiċi u l-kalendarju annwali fl-Istati Membri nazzjonali fl-UE: xi pajjiżi ma jiċċelebrawx il-Milied, jew jiċċelebrawh f'dati differenti, u l-vaganzi jistgħu jkunu differenti minn pajjiż għall-ieħor.
- <u>Dettalji oħrajn dwar kif tiġi implimentata r-rakkomandazzjoni</u>:
- L-użu ta' sorsi diversifikati għall-kampanja kontra l-ħela tal-ikel f'kooperazzjoni mal-bejjiegħa tal-ikel bl-imnut: media tradizzjonali (televiżjoni, gazzetti), media soċjali, użu ta' influwenzaturi lokali, reklamar. Ħu l-opportunità tal-erba' tmiem-il ġimgħa biex ixxerred kampanja qawwija ta' Ħela tal-Ikel Żero.
- F'dawn it-tmiem-il ġimgħa, l-UE għandha tikkomunika dwar il-bejjiegħa tal-ikel bl-imnut li diġà organizzaw u żviluppaw inizjattivi kontra l-ħela tal-ikel. L-UE għandha tappoġġa dawn l-inizjattivi diġà eżistenti u tikkomunika dwar prattiki tajbin, filwaqt taqsam narrattiva pożittiva. Ma għandniex nenfasizzaw messaġġi xokkanti u niffokaw fuq esperjenzi pożittivi.
- Organizza attività ta' segwitu u evalwazzjoni tal-erba' tmiem-il ġimgħa biex jittejbu u jilħqu aktar u aktar nies kull sena.

## RAKKOMANDAZZJONI 21

## "Inwaqqfu l-ħela tal-ikel": Ġimgħa ta' sensibilizzazzjoni dwar il-ħela tal-ikel fl-iskejjel

Aħna nirrakkomandaw l-organizzazzjoni ta' ġimgħa tematika fl-iskejjel dwar il-ħela tal-ikel biex tinħoloq sensibilizzazzjoni dwar is-suġġett fost it-tfal żgħar u l-adolexxenti. Il-ġimgħa tadotta forma u kontenut skont l-età tal-istudenti. Fl-iskejjel primarji u għat-tfal iżgħar, il-ġimgħa għandha tiffoka fuq is-sensibilizzazzjoni permezz tal-logħob. Il-Kummissjoni Ewropea toħloq u tqassam sett ta' għodod għall-iskejjel u għall-għalliema fil-lingwi kollha tal-UE dwar kif tinħoloq sensibilizzazzjoni dwar il-ħela tal-ikel fl-iskejjel u kif jiġu diskussi u organizzati attivitajiet dwar dan is-suġġett fir-rigward tas-suġġetti tat-tagħlim tagħhom stess. Is-sett ta' għodod ikun jinkludi linji gwida b'attivitajiet proposti biex l-għalliema ma jitgħabbewx iżżejjed u għandhom ikunu faċilment aċċessibbli online. Studenti iżgħar jiġu ppremjati billi jirċievu ċertifikat (bil-logo tal-UE). L-Istati nazzjonali jimplimentaw il-ġimgħa skont il-funzjonament tas-sistemi edukattivi rispettivi tagħhom u tal-kalendarji akkademiċi tagħhom. L-iskejjel ikunu liberi li jiddeċiedu dwar liema attivitajiet iridu jorganizzaw matul il-ġimgħa, bl-għajnuna tas-sett ta' għodod magħmul disponibbli għall-għalliema.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

It-tfal għandhom jitgħallmu kif għandu jiġi vvalutat l-ikel, kif jiġi prodott l-ikel, u kemm jieħu żmien biex jiġi prodott l-ikel. Huwa importanti li tinkiseb din is-sensibilizzazzjoni kmieni. Dan it-tip ta' avveniment jista' jilħaq ukoll lill-ġenituri permezz tat-tfal u tal-adolexxenti, minħabba li l-istudenti jgħidu lill-ġenituri tagħhom dwar l-esperjenzi tagħhom fl-iskola meta jaslu d-dar.

### Noti addizzjonali

→ Benefiċċju huwa li t-tfal għandhom jitgħallmu kif għandhom jivvalutaw l-ikel, kif jiġi prodott l-ikel, u kemm jieħu żmien biex jiġi prodott l-ikel. Huwa importanti li tibda minn kmieni bis-sensibilizzazzjoni. Benefiċċju ieħor huwa li dan it-tip ta' avveniment jippermetti li jintlaħqu l-ġenituri permezz tat-tfal u tal-adolexxenti, minħabba li l-istudenti jgħidu lill-ġenituri tagħhom dwar l-esperjenzi tagħhom fl-iskola meta jaslu d-dar.

→ Waħda mill-isfidi hija li l-għalliema ma jitgħabbewx iżżejjed biex joħorġu bl-attivitajiet u bl-ideat kollha waħedhom. Għal din ir-raġuni, qafas jew linji gwida b'attivitajiet proposti huma importanti ħafna biex ikun possibbli għall-istudenti kollha fl-iskejjel kollha jibbenefikaw minn din l-inizjattiva.

## RAKKOMANDAZZJONI 22

**Biex il-konsumaturi jingħataw l-għodod biex ikunu konxji u indipendenti mill-impatt tagħhom fuq il-ħela tal-ikel u biex jifhmu kif jipproċessaw, jippreservaw u jużaw mill-ġdid prodott qabel u wara l-iskadenza.**

(id-data "uża sa" hija data ta' sikurezza li warajha prodott ma għandux jiġi kkunsmat; "l-aħjar qabel" tindika d-data sa meta prodott iżomm il-kwalità ottimali tiegħu)

Aħna nirrakkomandaw l-użu ta' għodod ta' informazzjoni biex il-konsumaturi jiġu mgħarrfa u mgħammra (mill-ġdid) fil-kapaċità tagħhom li jiġġudikaw jekk prodott huwiex verament skadut. Biex il-konsumaturi jsiru konxji mill-użu tal-prodotti tal-ikel tagħhom, aħna favur identifikazzjoni aħjar tat-tikkettar tad-data tal-aħjar qabel: l-istess post għal kull prodott u daqs akbar tat-tipa. Barra minn hekk, irridu nwaħħlu kodiċi QR direttament fuq it-tikketta tal-prodott (il-possibbiltà li jintuża wkoll il-barcode). X'inhu l-iskop ta' dan? It-trażmissjoni ta' informazzjoni dwar l-aħjar modi biex jiġi ppreservat, biex wieħed jinduna (mit-togħma u mir-riħa) jekk dan ikunx għadu tajjeb għall-ikel, u t-trażmissjoni ta' pariri dwar it-tisjir biex il-prodott jiġi ttrasformat (eżempji ta' riċetti adattati). Il-produtturi, għalina, jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jifformalizzaw l-informazzjoni disponibbli permezz tal-kodiċi QR. Fir-rigward ta' prodotti mhux tikkettati bħall-frott u l-ħxejjex, il-kodiċi QR għandu jitqiegħed fejn jinbigħu l-prodotti biex jiġi evitat imballaġġ mhux meħtieġ. Biex dan is-sors ta' informazzjoni jkun aċċessibbli għal kulħadd, aħna mhux qed niddependu essenzjalment fuq it-teknoloġija diġitali. Nixtiequ wkoll li l-għodod ta' komunikazzjoni stampati (gwidi fis-supermarkets, pereżempju) jkunu disponibbli.

### Raġuni/ġustifikazzjoni

Aħna nirrakkomandaw dan għaliex, għalina, hija sfida biex il-konsumaturi jsiru responsabbli fil-ġestjoni tal-ikel tagħhom. It-tlestija tal-informazzjoni disponibbli dwar prodott hija mod kif il-konsumaturi jifhmu l-kwistjonijiet dwar id-data ta' skadenza. Din hija wkoll opportunità biex jingħelbu l-"kunċetti żbaljati" jew il-"biża' li wieħed jimrad" wara d-data ta' skadenza. Tabilħaqq, nafu li l-produtturi huma kawti bid-data tal-aħjar li jintuża qabel biex jipproteġu lilhom infushom. Fir-realtà, il-prodott jista' jiġi kkunsmat wara. Ma għandniex dubju dwar l-importanza li tiġi indikata data sa meta għandu jintuża. Tabilħaqq, jibqa' indikatur ewlieni tal-freskezza.

### Noti addizzjonali

Benefiċċju huwa li niffokaw fuq it-tikkettar biex ninfurmaw lill-konsumaturi bl-aħjar mod possibbli dwar il-vantaġġi għal buthom kif ukoll għall-ambjent. Il-frażi tagħna tiġbor fil-qosor l-idea tagħna perfettament: "ixtri b'mod raġonevoli u kul bi prezz irħas". Biex noħolqu sensibilizzazzjoni u nippromwovu dan is-sors ġdid ta' informazzjoni lill-konsumaturi, qed nipproponu li nużaw kampanja kbira ta' komunikazzjoni biex nispjegaw l-objettiv ta' din l-għodda ġdida.

## RAKKOMANDAZZJONI 23

**L-implimentazzjoni ta' prattiki standardizzati fil-livell tal-bejgħ bl-imnut meta jiġu promossi lillkonsumaturi prodotti qrib id-data ta' skadenza.**

Aħna nirrakkomandaw li x-xiri ta' prodotti qrib id-data ta' skadenza tagħhom jiġi vvalutat mill-ġdid billi n-negozji jintalbu jadottaw strateġija għall-ġestjoni u l-valutazzjoni ta' dawn il-prodotti għallkonsumaturi. Fil-fatt, hija kwistjoni li tittejjeb il-perċezzjoni mill-unitajiet domestiċi ta' dawn ilprodotti sabiex dawn ma jkunux maħsuba biss għal parti waħda mill-popolazzjoni. Din l-istrateġija hija maqsuma f'diversi partijiet:

- parti mill-implimentazzjoni regolatorja fil-livell Ewropew billi tinħoloq taqsima ddedikata għal dawn il-prodotti li tagħmilhom faċilment aċċessibbli u identifikabbli mad-dħul fil-ħanut biex jiġu promossi prattiki ta' konsum aħjar mill-utenti kollha, irrispettivament mid-dħul
- l-iżvilupp ta' politika ta' komunikazzjoni li tenfasizza "sens komuni" u l-attraenza tal-prodotti kif ukoll l-approċċ ta' xiri responsabbli (l-aspetti promozzjonali ta' konsum eċċessiv ma għandhomx ikunu fuq il-linja ta' komunikazzjoni ta' quddiem)
- l-inkoraġġiment lill-bejjiegħa bl-imnut biex jadattaw il-politika tagħhom li jqiegħdu prodotti ġodda qrib id-data ta' skadenza tagħhom fuq l-ixkafef fil-ħinijiet l-aktar intensivi (adattata għall-prattiki tal-konsumaturi f'pajjiżi Ewropej differenti).

### Raġuni/ġustifikazzjoni

Aħna nirrakkomandaw dan minħabba li jsaħħaħ politika eżistenti f'ħafna ħwienet u jistandardizza "prattiki tajbin" fuq skala Ewropea. Il-grupp qed jagħti attenzjoni partikolari lill-effett ta' benefiċċju tal-ġeneralizzazzjoni ta' dawn il-miżuri, li jbiddel l-immaġni tal-prodotti bi prezz baxx (mhux disponibbli biss għall-unitajiet domestiċi iżda għall-popolazzjoni kollha).

### Noti addizzjonali

Din ir-rakkomandazzjoni hija mod kif jiġi promoss l-involviment tal-kumpaniji fi prattiki sostenibbli. Tabilħaqq, tista' tibni l-lealt. tal-konsumaturi. Madankollu, hemm xi sfidi biex din irrakkomandazzjoni titqiegħed fil-prattika:

- Fuq in-naħa tal-unit. domestika: li persuna tkun aktar flessibbli u tadatta l-men. ta' kull ġimgħa bil-prodotti disponibbli
- Min-naħa tal-professjonisti: li l-persunal jitħarreġ u tiġi introdotta din il-politika ġdida filprattika
- Min-naħa tal-popolazzjoni ġenerali: li jingħelbu l-kunċetti żbaljati u li jinbidlu l-perċezzjonijiet tar-riċevituri ta' dawn il-prodotti, ċertament bi prezz baxx, iżda li l-ewwel tiġi indirizzata lmerkanzija mhux mibjugħa.

## KIF TIKKUNTATTJA LILL-UE

### Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik online (european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt).

### Bit-telefown jew bil-miktub

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja lil dan is-servizz:

— bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),

— fuq dan in-numru standard: +32 22999696,

— permezz ta' din il-formola: european-union.europa.eu/contact-eu/write-us_mt.

## KIF ISSIB TAGĦRIF DWAR L-UE

### Online

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa (european-union.europa.eu).

### Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tara jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE minn op.europa.eu/mt/publications.
Kopji multipli ta' pubblikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tad-dokumentazzjoni lokali tiegħek (european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt).

### Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1951 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex (eur-lex.europa.eu).

### *Data* miftuħa tal-UE

Il-portal data.europa.eu jagħti aċċess għal settijiet tad-*data* miftuħa mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE. Dawn jistgħu jitniżżlu u jerġgħu jintużaw mingħajr ħlas, għal skopijiet kummerċjali u mhux kummerċjali. Il-portal jagħti aċċess ukoll għal għadd kbir ta' settijiet tad-*data* mill-pajjiżi Ewropej.

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea


| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-68-06501-3 | doi:10.2775/002618 | NA-09-23-364-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-68-06465-8 | doi:10.2775/144512 | NA-09-23-364-MT-N |